



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0162/2011

18.4.2011

RAPPORT

dwar Unjoni tal-Innovazzjoni: Inbiddu l-Ewropa għad-dinja wara l-kriżi
(2010/2245(INI))

Komitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Judith A. Merkies

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	30
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.....	34
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	38
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	44
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI	50
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	54
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	59
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI.....	64
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	66

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar Unjoni tal-Innovazzjoni: Inbiddlu l-Ewropa għad-dinja wara l-kriżi (2010/2245(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Ewropa 2020 Inizzjattiva Ewlenija: Unjoni tal-Innovazzjoni' (COM(2010)0546),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 179(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li skont it-termini tiegħu '(1) l-Unjoni għandu jkollha l-oġettiv li ssaħħaħ is-sisien xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi tistabbilixxi żona ta' riċerka Ewropea li fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġiji jiċċirkolaw liberament, u li tinkoraġixxi l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha u tal-industrija tagħha, kif ukoll li tippromwovi l-attivitàjiet kollha ta' riċerka li huma meqjusa meħtieġa għal Kapitoli oħra tat-Trattati',
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni fl-inizzjattiva ewlenija Unjoni ta' Innovazzjoni¹,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu 'Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2011 bit-titolu 'Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza – Inizzjattiva ewlenija taħt l-Istrateġija Ewropa 2020' (COM(2011)0021),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2010 bl-isem "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (COM(2010)245),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2011 bit-titolu 'Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050' (COM(2011)0112),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar politika industrijali għall-era globalizzata²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar il-politika Komunitarja għall-innovazzjoni f' dinja li qed tinbidel³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar l-UE 2020⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar is-semplifikazzjoni

¹ Testi adottati, P7_TA(2010)0398.

² Testi adottati, P7_TA(2011)0093.

³ Testi adottati, P7_TA(2010)0209.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2010)0223.

tal-implimentazzjoni ta' Programmi Qafas tar-Riċerka¹,

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011 dwar l-innovazzjoni,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-3049 laqgħa tal-Kunsill għall-Kompetittività tal-25 u s-26 ta' Novembru 2010, dwar Unjoni tal-Innovazzjoni għall-Ewropa,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-3035 laqgħa tal-Kunsill għall-Kompetittività tat-12 ta' Ottubru 2010 dwar 'nagħmlu l-programmi ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tal-UE aktar attraenti: l-isfida tas-simplifikazzjoni',
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Politika Industrijali Integrata għall-Era Globalizzata: Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali' (COM(2010)0614),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Politika Reġjonali li tikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti fl-Ewropa 2020' (COM(2010)0553),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2009 bit-titolu 'Tħejjija għall-ġejjieni tagħna: Żvilupp ta' strateġija komuni għal teknoloġiji abilitanti essenzjali fl-UE'' (COM(2009)0512),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2009 bit-titolu 'Strateġija għar-R&D u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-ICT fl-Ewropa: Ngħollu l-mira' (COM(2009)0116),
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bit-titolu 'L-isfruttar tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi',
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2011 bit-titolu 'Reviżjoni tal-Att Ewropew għan-Negozji ż-Żgħar' (COM(2010)0078),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Frar 2007 bit-titolu 'Informazzjoni xjentifika fl-era diġitali: aċċess, disseminazzjoni u preservazzjoni' (COM(2007)0056),
- wara li kkunsidra r-rapport 'Nippromwovu Mudelli ta' Negozju Innovattivi b'Benefiċċji Ambjentali' ta' Novembru 2008 li ttejjja f'isem il-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-

¹ [Testi adottati, P7_TA\(2010\)0401.](#)

0162/2011),

- A. billi, skont l-Artikolu 179(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni għandha tinkuraġġixxi l-impriżi, inklużi l-impriżi żgħar u ta' daqs medju, ċ-ċentri ta' riċerka u l-universitajiet fl-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku ta' kwalità għolja; għandha tappoġġa l-isforzi tagħhom biex jikkooperaw ma' xulxin, notevolment billi tippermetti li r-riċerkaturi jikkooperaw liberament b'mod transkonfinali u billi tgħin lill-impriżi sabiex jisfruttaw il-potenzjal tas-suq intern, b'mod partikolari permezz tal-ftuħ ta' kuntratti pubbliċi nazzjonali, id-definizzjoni ta' livelli komuni u t-tneħħija ta' xkiel legali u fiskali għal dik il-kooperazzjoni,'
- B. billi l-aċċellerazzjoni tar-riċerka u tal-innovazzjoni mhijiex biss essenzjali biex jinkiseb mudell ekonomiku sostenibbli u kompetittiv u jiġu żgurati l-impjiegi għall-futur, iżda tiġġenera wkoll soluzzjonijiet għall-isfidi l-kbar komuni soċjetali li qed taffaċċa s-soċjetà Ewropea, b'mod partikolari:
- it-tibdiliet demografiċi attwali: soċjetà li kulma jmur qed tixjieħ, popolazzjoni dinjija li kulma jmur qed tikber (nutrizzjoni, saħħa, prevenzjoni tal-mard), urbanizzazzjoni, koeżjoni soċjali u migrazzjoni;
 - it-tranżizzjoni għal ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi (bijoloġiċi u mhux bijoloġiċi): tibdil fil-klima, enerġija rinnovabbli, *effiċjenza tar-riżorsi*, skarsezza tal-ilma, għargħar u sforzi għas-sigurtà u s-sostituzzjoni ta' materja prima;
 - bażi ekonomika b'saħħitha, stabbli, ekwitabbli u kompetittiva: irkuprar ekonomiku, sfruttar ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, u spinta lill-kompetittività u l-impjeggi tal-UE,
- C. billi sabiex tingħata spinta lill-innovazzjoni jeħtieġ li:
- jitqiegħdu fl-ewwel post il-kreattività taċ-ċittadini u l-kapital uman, l-adattabilità tan-negozji u l-impreditorija, l-iskemi tal-konsum u r-rispons għall-ideat ġodda,
 - jkun hemm qafas regolatorju fit-tul, stabbli, sempliċi, trasparenti u li jservi ta' appoġġ,
 - jkun hemm aċċess aħjar għal possibilitajiet diversifikati ta' finanzjament fil-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-innovazzjoni (b'mod partikolari għall-SMEs),
 - jkun hemm leverage u stimolazzjoni għall-investimenti mis-settur privat,
 - jkun hemm kooperazzjoni li tagħti l-frott bejn istituti ta' edukazzjoni u riċerka, inklużi organizzazzjonijiet ta' riċerka u teknoloġija (RTOs), negozji, gvernijiet u ċittadini, ukoll permezz tat-twaqqif ta' pjattaformi kondiviżi u għodod bħalma huma n-netwerks miftuħa, standards miftuħa, gruppi ta' approċċi għal tqassim tal-għarfien u ta' ideat,
 - li jkun żgurat l-involviment tal-atturi kollha rilevanti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet,
 - jkun hemm għodod aktar effikaċi għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija,
- D. billi r-rieda li jittieħdu riskji hija prerekwiżit neċessarja għal innovazzjoni b'suċċess;
- E. billi sabiex tinżamm il-kompetittività Ewropea hi meħtieġa bidla fil-kultura sabiex

jittejeb l-intraprenditorjat u l-potenzjal għall-innovazzjoni Ewropew; billi jeħtieġ li jsiru bidliet sabiex jitfaħħar it-teħid tar-riskju u jittejbu l-kundizzjonijiet għal intraprendituri u intrapriżi innovattivi għadhom fil-bidu;

- F. billi mil-lat tal-kuntest ekonomiku globali l-Unjoni Ewropea trid tiegħu qagħda offensiva u tadotta pożizzjoni soda minn ta' quddiem nett fil-kompetittività, l-UE għandha għalhekk tinvesti fi splużjoni ta' innovazzjoni;
- G. billi l-Ewropa teħtieġ sistema moderna, affordabbli u li taħdem sew ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni u tissaħħaħ l-kompetittività tagħha,
- H. billi l-IPRs jikkostitwixxu prerekwiżit ewlieni għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni bi proporzjon kbir ta' kapital,
- I. billi l-akbar opportunità biex tissaħħaħ l-innovazzjoni fl-Ewropa fir-rigward tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali hija l-ħolqien tal-privattiva tal-UE,
- J. billi sistema moderna ta' trademarks tal-Unjoni hija essenzjali sabiex jiġiharsu l-valuri rrappreżentati minn investimenti li jsiru minn kumpaniji Ewropej fid-diżinn, il-ħolqien u l-innovazzjoni,
- K. billi l-allokkazzjoni ta' 3% tal-PGD tal-UE għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2020 jista' jgħadd 3.7 miljun impjeg u l-PGD jista' jgħadd b'madwar EUR800 miljun sal-2025,
- L. billi 30% biss tar-riċerkaturi Ewropej huma nisa u 13% biss tal-kaprijiet tal-istituzzjonijiet ta' riċerka huma nisa,

Approċċ integrat u interdixiplinarju

1. Jilqa' l-inizjattiva ewlenija Unjoni tal-Innovazzjoni, li s'issa kien l-aktar tentattiv sinifikattiv u konkret biex tiġi introdotta politika Ewropea tal-innovazzjoni li tkun integrata, strateġika u orjentata lejn in-negozju, ħalli tissupplementa l-isforzi tal-istati membri, li permezz tagħha l-innovazzjoni tkun immexxija u l-progress ikun osservat fuq l-oġġetti tal-politiku, li s-suċċess tagħha madankollu jiddependi mill-kooperazzjoni sħiħa tal-Istati Membri, inkluż permezz tal-appoġġ finanzjarju tagħhom u l-konsolidazzjoni fiskali intelliġenti, bil-għoti ta' prijorità għall-infiq sostenibbli li jkun favur it-tkabbir f'oqsma bħalma huma l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni, b'mod li l-oġġetti komuni tal-innovazzjoni jmxexxu l-politiki tagħhom fl-oqsma relevanti kollha; jilqa' bi pjaċir l-approċċ strateġiku tal-Kunsill tal-Ewropa fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Frar 2011;
2. Jappoġġa l-inizjattiva tal-Unjoni tal-innovazzjoni bħala pilastru ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali fl-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni inklużiva fil-livelli kollha, inklużi l-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ;
3. Jitlob li jkun hemm kunċett wiesa' tal-innovazzjoni li jkun jiffoka fuq l-impatt u jmur oltre l-innovazzjoni teknoloġika u orjentata għall-prodott, li jkun jinvolvi lill-istakeholders kollha, b'mod partikolari lill-impriżi, u jkun jaċċentwa l-bosta rwoli li

jagħtu setgħa liċ-ċittadini filwaqt li jwettaq bidla fil-mentalità; ifakkar li l-innovazzjoni tfisser l-applikazzjoni ta' ideat fil-prattika b'suċċess u hija mmirata lejn prodotti, proċessi, servizzi, movimenti, sistemi u strutturi organizzattivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta definizzjoni tal-innovazzjoni;

4. Iqis li l-innovazzjoni fl-oqsma tal-għarfien u tal-attività ekonomika u soċjali kollha, għandha titmexxa minn kriterji ta' interess pubbliku, mit-titjib tal-kwalità tal-ħajja, mill-promozzjoni tal-benesseri soċjali u l-preservazzjoni tal-ambjent u tal-bilanċ naturali;
5. Hu tal-fehma li, peress li l-innovazzjoni hija kunċett kumpless, għandhom jissaħħu l-isforzi ta' innovazzjoni mhux teknoloġika, u li, f'dan il-kuntest, għandhom jiferrxu l-aħjar Prattiki Rigward dan it-tip ta' innovazzjoni, u għandhom jiġu speċifikati r-regoli l-kundizzjonijiet dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE abbażi ta' approċċ miftuħ u li jinkludi kollox;
6. Jitlob li ssir distinzjoni ċara bejn 'innovazzjoni oriġinali', jiġifieri xi ħaġa li saret għall-ewwel darba u li mhiex disponibbli fuq is-suq, minn titjib kummerċjali jew tibdiliet fil-prodott, servizzi, proċessi jew movimenti li huma diġà preżenti fuq is-suq;
7. Jikkunsidra li l-innovazzjoni soċjoekonomika għandha bżonn tkun definita b'mod preċiż imma flessibbli, għax f'ħafna każijiet ma tiħux l-għamla ta' prodott jew tal-applikazzjoni ta' soluzzjoni teknika iżda tiegħu l-għamla ta' tibdiliet interkonessi, fit-tul, tekniċi u ta' ġestjoni li jikkonstitwixxu proċess;
8. Jiġbed l-attenzjoni li l-miri kif stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020, l-Istrateġija għall-Effiċjenza tal-Enerġija 2020, l-Inizjattiva għal Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi, l-Inizjattiva għall-Materja Prima, l-Istrateġija għall-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020, li taw bidu għall-pass prinċipali lejn il-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija 2050 u l-Pjan ta' Direzzjoni għal Ekonomija b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet ta' Karbonju sal-2050 għandhom jingħataw prijorità fl-Unjoni tal-Innovazzjoni;
9. Jirrimarka li l-internazzjonalizzazzjoni u l-innovazzjoni huma ewlenin għall-kompetittività esterna u għat-tkabbir u huma kruċjali għall-oġettivi strateġiċi tal-UE 2020;
10. Jenfasizza l-importanza tat-teknoloġiji rinovabbli u effiċjenti mil-lati tal-klima u tal-enerġija fil-bidla favur ekonomija globali sostenibbli; jirrikonoxxi l-pożizzjoni ta' tmexxija li għandha l-UE f'ħafna setturi ewlenin rigward il-produzzjoni industrijali li jiffavorixxu l-klima u b'użu effiċjenti tar-riżorsi; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi strateġiji fuq l-internazzjonalizzazzjoni u l-innovazzjoni f'dawn is-setturi;
11. Jirrikonoxxi li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-isforzi lejn effiċjenza tal-enerġija u d-dematerializzazzjoni tal-produzzjoni industrijali teħtieġ politika attiva fuq id-disseminazzjoni globali ta' teknoloġiji ġodda;
12. Jenfasizza li l-oqsma tal-ħarsien tal-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sigurtà tal-ikel kif ukoll il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima huma fost dawki li l-iktar jeħtieġu sforz ta' innovazzjoni msaħħa li jinkludi t-tiħiħ tal-bażi xjentifika u teknoloġika attwali; jisħaq li l-programmi ta' riċerka u l-innovazzjoni tal-ġejjieni tal-UE se jeħtieġu li jqisu dawn l-

oqsma b'mod adegwat; għal dan il-għan, jenfasizza l-bżonn għall-adozzjoni ta' approċċ transsettorjali bbażat fuq ir-reżistenza tal-ekosistema;

13. Jinnota li l-frammentazzjoni tas-suq fl-oqsma kulturali u kreattivi sseħħ ukoll minħabba d-diversità kulturali u l-preferenza tal-lingwa tal-konsumaturi;
14. Jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq l-isfidi soċjetali kbar, u jisħaq li l-innovazzjoni u r-riċerka huma meħtieġa ħalli tiżdied il-produttività tar-riżorsi, l-użu u s-sostituzzjoni sostenibbli filwaqt li, fl-istess ħin, jinstabu mezzi ġodda kif tiżdied l-effiċjenza tar-riżorsi u l-konsum tal-enerġija;
15. Jirrimarka li għandna nevitaw li nirrestrinġu l-prijoritizzazzjoni tal-innovazzjonijiet għal oqsma limitati, sabiex fit-tul ma nitilfux potenzjal innovattiv ta' valur;
16. Hu tal-fehma li l-innovazzjoni jista' jkollha rwol importanti fit-tiżiħ tal-koeżjoni soċjali billi ttejjeb il-kwalità tas-servizzi provduti u li għalhekk għandhom jitwaqqfu programmi speċifiċi ta' taħriġ professjonali;
17. Jinnota li, f'ekonomija tas-suq, l-innovazzjoni mhiex esklussivament maħsuba biex tilqa' l-isfidi maġġuri tas-soċjetà iżda għandha wkoll rwol importanti fil-manifattura ta' prodotti faċli għall-użu mill-konsumatur u attraenti fl-oqsma tad-divertiment, tat-teknoloġija, tal-industrija, tal-kultura u tal-ispettaklu; jinnota li hemm suq internazzjonali wiesgħa għall-prodotti innovattivi ta' divertiment b' teknoloġija avanzata (smart phones, tablet PCs, loġħob console, apparati li jinġarru ta' rikreazzjoni eċċ.), kif ukoll suq dinji għan-netwerking soċjali u servizzi online innovattivi, li fihom impriżi Ewropej għandhom rwol ta' importanza żgħira;
18. Jisħaq dwar l-importanza tal-inizjattivi flagship tal-Politika għal Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi u għall-Industrija, u tal-isforzi li jinfatam it-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi naturali, billi tkun appoġġjata ċ-ċaqliqa lejn ekonomikja li temetti ftit karbonju u tkun imsejsa fuq l-għarfien, jiżdied l-użu tar-riżorsi enerġetiċi rinnovabbli u sostenibbli, jiżdied it-tnaqqis fil-karbonja u t-teknoloġiji aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u t-trasport sostenibbli, titjeb fl-istess waqt il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej;
19. Ifakkar li d-dinja diġitali u l-ICTs huma magni tal-innovazzjoni u għalhekk l-aċċess għal broadband ta' spid għoli huwa prekondizzjoni essenzjali, ukoll għall-Partenarjati Ewropej għall-Innovazzjoni (EIPs), billi jgħolli l-koperazzjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini; f'dan is-sens, jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħollu l-livell tal-implimentazzjoni tagħhom tal-internet ta' spid għoli kif ukoll il-promozzjoni tal-e-inizjattivi li jippermettu l-eżekuzzjoni rapida tal-Aġenda Diġitali tal-UE;
20. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħti konsiderazzjoni xierqa lit-teknoloġiji li jsejsu sistemi sostenibbli "aktar għaqli" li jippermettu lid-ditti jiżviluppaw servizzi f'ħin reali f'setturi tant differenti bħal servizzi tat-trasport u loġistika, kostruzzjoni u mmaniġġjar ta' faċilitajiet, distribuzzjoni tal-enerġija, it-telekomunikazzjonijiet u servizzi finanzjarji;
21. Jenfasizza li s-suċċess tar-riċerka u ta' politika ta' innovazzjoni jiddependi fuq:

- orjentament strateġiku, l-iżvilupp, disinn u implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri kollha, bl-għan li jikkontribwixxu u jkabbru l-innovazzjoni fl-Ewropa (permezz ta', pereżempju, l-edukazzjoni u taħriġ, servizzi ta' konsulenza, is-suq tax-xogħol, is-suq uniku, ġestjoni xierqa tal-jeddijiet tal-proprjetà intellettuali, l-infrastruttura, l-istrumenti fiskali, il-politika industrijali, l-akkwist pubbliku u l-kummerċ, l-interazzjonijiet innovattivi konġunti bejn is-servizzi u l-kumpaniji tal-manifattura, b'enfasi speċjali fuq l-SMEs);
- kooperazzjoni multidixxiplinari b'koordinazzjoni tajba fuq il-livell tal-UE, dak tal-Istati Membri, reġjonali u dak lokali;
- involviment massimu tal-atturi rilevanti kollha, eż. l-SMEs., l-industriji, l-universitajiet, l-istituti ta' riċerka, RTOs, il-gvernijiet, Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u s-sħab soċjali, inklużi forom produttivi potenzjalment ġodda bejn l-istituti tal-ġharfien u l-industrija;
- koordinazzjoni, koerenza u sinerġija fost l-oqsma, l-azzjonijiet u l-istrumenti ta' politika differenti biex tiġi evitata l-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni li tirriżulta minn sforzi ta' riċerka u innovazzjoni mhux ikkoordinati;
- tiswir ta' ambjent regolatorju pożittiv għall-prodotti tal-innovazzjoni biex ikun adattament għall-ħtiġiet tas-suq;
- politika tal-valutazzjoni tal-metodoloġiji u proċessi, inklużi pannelli ta' reviżjoni mill-pari u d-disseminazzjoni tal-esperimenti b'suċċessi;

Jenfasizza li l-iskop ewlieni tal-politika tal-Unjoni tal-Innovazzjoni għandu jkun il-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni tal-politiki u l-koerenza fost l-istrumenti varji tagħhom u l-ħolqien ta' sinerġiji f'dak li għandu x'jaqsam mal-politika tal-innovazzjoni permezz tal-adozzjoni ta' approċċ verament olistiku ffukat fuq l-isfidi soċjetali kbar;

22. Jenfasizza l-ħtieġa li l-politika tal-kummerċ u tal-innovazzjoni tal-UE tinbidel f'mezz reali li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi, għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli globali; jemmen bis-sħiħ li l-konsistenza bejn l-aspetti interni u esterni tal-politiki tal-UE huma indispensabbli u li l-iffurmar ta' politika ġdida dwar il-kummerċ trid tkun konsistenti ma' politika b'saħħitha dwar l-industrija u l-innovazzjoni li toħloq l-impjiegi, biex tiżgura t-tkabbir ekonomiku u finalment tiġġenera tkattir u titjib tal-impjiegi;
23. Jenfasizza r-relazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Unjoni tal-Innovazzjoni mal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir bħala għodda kruċjali għall-kooperazzjoni msaħħa, li turi l-progress annwali fl-Istati Membri;
24. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema integrata ta' indikaturi, li tqis id-diversità tas-sistemi ekonomiċi eżistenti fl-Istati Membri u li tinvolvi impriżi ħalli jkunu permessi monitoraġġ u valutazzjoni għall-progress u l-impatt li jitkejjel tal-politiki u l-programmi tal-innovazzjoni; jitlob li jkun hemm il-ħolqien ta' infrastrutturi affidabbli tad-dejta li jgħinu fil-monitoraġġ tal-iżviluppi għall-finanzjament tar-riċerka u jħeġġeġ aktar żvilupp tal-'iscoreboard' permezz tal-koperazzjoni internazzjonali, u bħala sistemi li tkun aktar imsejsa fuq l-indikaturi u l-evidenza li tkejjel il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-UE f'termini assoluti filwaqt li tuża intelligentement ir-riżorsi disponibbli;
25. Jinnota li l-innovazzjoni u l-kreattività huma proċessi li, sa ċertu punt, jistgħu jiġu

kkultivati, mgħallma u msaħħa; iħeġġeġ, għalhekk, li l-innovazzjoni u l-kreattività jiġu inklużi fuq livell ogħla fis-sistema edukattiva tal-Istati Membri tal-UE; jitlob rikonoxximent u disseminazzjoni tal-aħjar Prattika fir-rigward tal-kreattività u tal-kurrikuli edukattivi innovattivi u tal-metodi ta' Istruzzjoni li jużaw l-Istati Membri;

26. Jenfasizza r-rwol kruċjali li se jkollha l-ekoinnovazzjoni biex jintlaħqu l-miri tal-UE tal-2020; jitlob għalhekk l-adozzjoni tal-Pjan ambizzjuż ta' Azzjoni ta' Ekoinnovazzjoni li jipproponi miżuri biex l-ekoinnovazzjoni tiġi introdotta f'kull pass tal-katina tal-valuri, inkluż id-disinn u ż-żieda tal-fondi għal inizjattivi f'dan il-qasam permezz tal-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni;
27. Jemmen li, peress li l-innovazzjoni ħafna drabi hi marbuta mas-suq u tiżviluppa permezz ta' mezzi mhux formali, l-UE għandha tiffina l-metodi tagħha ta' evalwazzjoni tal-innovazzjoni biex jirriflettu l-fatt li ma jistgħux jintużaw l-istess kriterji biex tivvaluta kull qasam;
28. Jenfasizza l-periklu tat-termini 'innovazzjoni' li ssir klixé użata ta' spiss li tnissel kompjaċenza sempliċiment permezz ta' użu ripetitiv; l-innovazzjoni waħedha mhix rimedju biex taffaċċa kull problema u ma tistax titqajjem meta wieħed irid fi żmienijiet ta' kriżi ekonomika u soċjali. Bil-maqlub, għandha tkun sforz kostanti fis-settur pubbliku u privat u għandha tkun appoġġjata b'mod attiv permezz ta' strateġiji ta' edukazzjoni koeżiva, ta' riċerka, industrijali, soċjali u ambjentali min-naħa tal-UE u l-Istati Membri tagħha;
29. Jirrikonoxxi l-importanza tal-industriji kulturali u kreattivi fil-kuntest tal-innovazzjoni, meta jitqies li l-istudji juru li l-kumpaniji li jagħmlu użu proporzjonalment akbar mis-servizzi tal-industriji kulturali u kreattivi għandhom prestazzjoni li b'mod sinifikanti hija aħjar fir-rigward tal-innovazzjoni;
30. Jafferma l-prinċipju tan-newtralità tan-netwerk u tal-istandards miftuħa bħala xpruni tal-innovazzjoni;

Soċjetà ta' Innovazzjoni li ddu madwar iċ-Ċittadin

31. Jisħaq li t-talbiet taċ-ċittadini u l-impenn attiv tan-negozji jagħtu impetu kruċjali lill-innovazzjoni; jinnota li l-ħolqien ta' soċjetà innovattiva għalhekk għandu jkun ibbażat fuq il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tagħha, billi jingħataw l-oportunità li jleħnu l-bżonnijiet u l-potenzjal tal-kreattività tagħhom permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq u billi jiġu pprovduti soluzzjonijiet innovattivi li jippermettu liċ-ċittadini individwali jikkontribwixxu għall-effiċjenza tar-riżorsi;
32. Jisħaq dwar il-ħtieġa li tinholq kultura ta' taġlim, kurżità u teħid ta' riskji; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu ħilithom kollha biex iġibu bidla fil-mentalità favur ħsieb innovattiv u mmexxi mill-kurżità u t-teħid tar-riskji u attitudni li tittollera aktar il-falliment, billi jinkuraġġixxu bidliet lejn tendenzi sostenibbli tal-konsumatur u billi jipromwovu b'mod attiv l-involviment taċ-ċittadini u tan-negozji fl-innovazzjoni u f'sistema ta' innovazzjoni miftuħa; jisħaq li l-innovazzjoni bħala proċess li la tista' u lanqas għandha tkun kompletament immexxija mill-gvernijiet, għandha bżonn kundizzjonijiet favorevoli li jippermettu flessibilità suffiċjenti biex tappoġġa żviluppi

mhux previsti;

33. Iqis li l-avvanz tal-għarfien u l-applikazzjonijiet multipli tiegħu ma jeliminawx il-ħtieġa għal valutazzjoni aktar miftuħa u parteċipatorja dwar l-implikazzjonijiet etiċi, soċjali u politiċi ta' dawk l-applikazzjonijiet; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' promozzjoni u ta' tixrid ta' kultura xjentifika fost il-pubbliku ġenerali;
34. Iqis li għandhom jittieħdu passi li jappoġġaw inizjattivi maħsuba għall-promozzjoni tad-djalogu xjentifiku u t-tixrid tar-riżultati mal-akbar ammont ta' nies possibbli, kif ukoll mal-komunità xjentifika, li jżidu r-rwol tas-soċjetà ċivili fir-riċerka;
35. Jikkunsidra li għandha tingħata prijorità biex jitħeġġeġ l-iżvilupp fil-livell reġjonali ta' kultura ta' innovazzjoni, kemm fost l-imprendituri, iż-żgħażaġh li jkunu qed iwettqu taħriġ vokazzjonali u l-ħaddiema, kif ukoll fost is-sħab li jkollhom influwenza fuq l-attivitajiet kummerċjali, bħal dawk responsabbli mit-teħid ta' deċizzjonijiet fil-livell pubbliku reġjonali, iċ-ċentri ta' riċerka, ir-raggruppamenti kummerċjali u l-entitajiet ta' finanzjament, li sikwit ma jkunux konxji biżżejjed tal-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-kumpaniji fir-reġjun tagħhom, b'mod partikulari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (inklużi l-mikroimpriżi u d-ditti artiġjanali);
36. Jenfasizza li ftehim xieraq tal-progress xjentifiku u x'jinvolvi huwa essenzjali jekk il-pubbliku għandu jiġi involut fl-isforz tal-innovazzjoni; jitlob li jiżdied it-tixrid tal-għarfien xjentifiku u teknoloġiku; jenfasizza l-importanza kemm tal-edukazzjoni tul il-ħajja kif ukoll tal-miżuri mmirati speċifikament għall-gruppi ta' popolazzjoni li għandhom aċċess inqas faċli għax-xjenza u t-teknoloġija f'komunitajiet rurali partikolari;
37. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-iżvilupp ta' mudelli ekonomiċi sostenibbli bbażati fuq l-innovazzjoni u l-kreattività li joħlqu u jiproteġu l-impjiegi ta' kwalifiki għoljin fl-Ewropa;
38. Jenfasizza l-importanza tal-innovazzjoni minn isfel 'il fuq u ambjent miftuħ għal ideat kreattivi, sabiex jitħeġġeġ it-tkabbir tal-produttività, tingħata s-setgħa lill-impjegati u jiġu żviluppati soluzzjonijiet għall-bżonnijiet soċjali mhux milħuqa (bħalma huma l-inklużjoni u l-immigrazzjoni);
39. Jitlob li jkun ikkomplimentat il-finanzjament up-front kurrenti b'mekkaniżmu ġdid ta' finanzjament, bħalma huma l-kompetizzjonijiet bi premji jew premji ta' inkoraġġiment għall-innovaturi Ewropej (individwi jew skwadri) għall-inkoraġġiment tatl-ideat u l-ippremjar tal-invenzjonijiet, ngħidu aħna f'oqsma soċjali ta' valur li bihom jinholq l-għarfien bħala beni pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra jekk pilota bikri ta' sistema ta' premjijiet fi ħdan il-Partenarjat Ewropew għall-Innovazzjoni pilota dwar it-tixrih f'saħħtu jkunx xieraq;
40. Jenfasizza li l-innovazzjoni soċjali tirrigwarda soluzzjonijiet ġodda u effikaċi għal bżonnijiet soċjali l-aktar urġenti, maħluqa minn individwi jew organizzazzjonijiet b'importanza soċjali, u mhux neċessarjament kummerċjali; inltre jisħaq li l-innovazzjoni soċjali tagħti oppotunità liċ-ċittadini, f'kull rwol, li jtejbu l-ambjent tagħhom tax-xogħol u tal-ħajja u b'hekk ikunu jistgħu jsaħħu l-mudell soċjali Ewropew;

41. Jenfasizza r-rwol li għandu s-settur tal-ekonomija soċjali (kooperattivi, impriżi mutwi, assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet) fl-innovazzjoni soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-mezzi biex jiġu ssodisfati ħtiġijiet li ma jitqiesux mis-suq u mill-forom konvenzjonali ta' intraprenditorjat;
42. Jikkunsidra li l-istrateġija tal-Innovazzjoni tal-UE għandha tħoll il-potenzjal tal-impjegati billi tagħti ċans lill-impjegati li mhumiex akkademiċi li jagħmlu parti minn tipi ta' skemi differenti u proġetti ta' innovazzjoni tal-UE u li jkunu jistgħu jipparteċipaw fihom;
43. Jinnota li, fil-każ tal-innovazzjoni, l-istrateġija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni trid tirrikonoxxi l-importanza tal-ideat, suġġerimenti u kompetenzi tal-impjegati komuni. Bosta studji jiġbdu l-attenzjoni lejn il-fatt li l-innovazzjoni mmexxija mill-impjegat mhux biss hija tajba għan-negozju iżda wkoll għas-sodisfazzjon tal-impjegat – u – jekk issir kif suppost - hi xi ħaġa li tista' finalment tnaqqas l-istress;
44. Jitlob lill-UE, lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jniedu proġett pilota u tippromwovu r-riċerka fuq l-innovazzjoni soċjali u li jagħtu fondi pubbliċi b'appoġġ għall-istess kif ukoll għas-sħubijiet pubbliċi-privati, li jistgħu jiswew ta' bażi għall-attivitajiet futuri f'dan il-qasam; jisħaq li l-innovazzjoni soċjali għandha tkun inkluża fi programmi ta' finanzjament u ta' appoġġ bħalma huma l-Fond Soċjali Ewropew, il-Programmi Qafas (FPs) u l-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP);
45. Jisħaq fuq l-importanza tar-riċerka fil-qasam mediku, li flimkien mal-applikazzjonijiet innovattivi, tħeġġeġ it-tkabbir u l-benessri f'soċjetà li qed tixjieħ; jappoġġa l-kooperazzjoni mill-qrib bejn dipartimenti tar-riċerka tal-universitajiet u l-industrija medika sabiex jiġġeneraw prodotti u servizzi li ċ-ċittadini tal-UE se jeħtieġu b'mod urġenti fid-deċennju li ġej;
46. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissupplimenta r-riżorsi tal-Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE biex tkun żgurata l-implimentazzjoni sostenibbli tal-Infrastrutturi ta' Riċerka Bioloġiċi u tax-Xjenzi Mediċi bħala servizz pubbliku tar-Riċerka u l-Iżvilupp, orjentati lejn kwalità ta' haġja aħjar taċ-ċittadini, li hu mod kif soċjetà bbażata fuq l-għarfien titmexxa 'l quddiem u tkun tista' taffronta l-isfidi tas-soċjetà fl-Ewropa;
47. Iqis li enfasi akbar fuq il-politika tal-innovazzjoni tirrappreżenta opportunità għall-immodernizzar u t-tiżiħ tas-servizzi pubbliċi kemm fl-oqsma eżistenti kif ukoll f'dawk emerġenti, f'firxa sħiħa ta' oqsma tal-haġja ekonomika u soċjali, biex b'hekk jissaħħu l-kwalità u l-effikaċja, il-ħolqien tal-impjiegi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
48. Iqis li l-koordinament aktar mill-qrib tal-isforzi fl-STI m'għandux jimplika diżinvestiment jew nuqqas ta' investiment fir-rigward tal-ħila xjentifika ta' ċerti Stati Membri u reġjuni, bi ħsara għal oħrajn; jemmen li minflok, din għandha tfisser investiment fl-iżvilupp ta' bażi tal-STI soda u konsistenti f'pajjiżi u f'reġjuni differenti, skont il-karatteristiċi u l-livelli ta' żvilupp tagħhom, bil-għan li tingħata promozzjoni lis-sinerġiji ta' benefiċċju u ta' kooperazzjoni utli;

49. Jisħaq l-importanza tal-modernizzazzjoni tas-sistema edukattiva; jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni ħallu jtejbu l-ħiliet u t-taħriġ imprenditorjali u kwantittattiv tal-Ewropej (żgħażaġh) billi jinkorporaw l-imprenditorija, il-kreatività u l-innovazzjoni f'oqsma kollha tal-edukazzjoni u jtejbu l-kapital uman li jippermettilhom ikollhom rwol attiv fl-innovazzjoni, pereżempju permezz tal-programm "Erasmus għall-Imprendituri Żgħażaġħ" tal-Kummissjoni, filwaqt li jissalvagwardjaw is-snaġja' bħala għajn ta' innovazzjoni;
50. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem aktar mill-qrib mal-Istati Membri sabiex isiru previżjonijiet għal żmien medju u fit-tul dwar il-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol u biex jiġu inkoraġġiti sħubijiet bejn l-universitajiet u s-settur tan-negozju biex titjeb it-tranżizzjoni taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol filwaqt tingħata għajna biex tinholq soċjetà innovattiva bbażata fuq l-għerf, tiġi żviluppata r-riċerka applikata u jinħolqu prospettivi ta' xogħol aħjar għall-gradwati;
51. Jinnota li fi żminijiet ta' kriżi, huwa essenzjali li jiġu attirati ż-żgħażaġh lejn it-tipi l-ġodda ta' impjiegi disponibbli u li jkun żgurat li l-programmi tal-ħiliet jipromwov u l-aċċess taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol, bil-ħsieb li jkunu jistgħu japprofittaw ruħhom mill-potenzjal ta' impjiegi, sabiex tiġi miġġielda r-rata għolja tal-qgħad fost iċ-ċittadini ta' taħt il-25 sena u sabiex isir kapital mill-ħiliet tal-ġenerazzjoni żaġħżuġha fl-użu ta' teknoloġiji ġodda;
52. Jitlob li jsir sforz sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet tal-ħiliet fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika; jenfasizza l-importanza li tiżdied il-kwalità tat-taħriġ, jitjeb l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali, ikun promoss it-taħriġ kontinwu tal-impjegati, filwaqt li jsiru arranġamenti għall-aċċess u l-organizzazzjoni ta' dan it-taħriġ li huma inklużivi u ma jiddiskriminawx kontra n-nisa; hu tal-fehma, madankollu, li dawn il-miżuri għandhom ikunu mmirati primarjament għal ħaddiema li jiġi assenjat lilhom xogħol li jeħtieġ inqas kwalifiki milli kien meħtieġ qabel, li huma f'riskju li jtilfu l-impjiegi tagħhom minħabba l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda, u dawk li ġew issensjati minħabba li m'għandhomx il-ħiliet meħtieġa mir-ristrutturar u mill-konverżjoni; ifakkar ukoll fil-bżonn li jiġu żviluppati l-attivitajiet ta' taħriġ kollha b' mod aktar komprensiv, fil-livelli kollha ta' taħriġ, sabiex tissaħħaħ il-kreattività, l-innovazzjoni u l-imprenditorjat;
53. Jenfasizza l-importanza li jiżdied il-livell tat-tagħlim tul il-ħajja u li jiġu żviluppati attivitajiet ta' taħriġ għal kulħadd sabiex jiżdiedu l-eko-innovattività u l-imprenditorjat u biex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tkun tista' taġġusta l-ħiliet tagħha għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ta' ekonomija aktar sostenibbli bbażata fuq kunċetti ta' taħriġ ibbażati fuq il-kompetenza; jistieden lill-Istati Membri, lil min iħaddem u lill-impjegati biex jagħrfu bħala responsabilità konġunta l-ġestjoni tal-ħiliet, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja għall-innovazzjoni, bħalma ġie rrikonoxxut fil-ftehim ta' qafas tas-sħab soċjali tal-2002 dwar it-tagħlim tul il-ħajja;
54. Jirrimarka li, meta jitqies in-nuqqas ta' studenti tal-edukazzjoni oġhla fl-oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija, jeħtieġ li jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-ebda student ma jabbanduna l-istudji tiegħu jew ikun limitat fl-għażla tiegħu ta' stabbiliment edukattiv minħabba raġunijiet finanzjarji, u li għalhekk huwa neċessarju li jitkompla jiġi promoss l-aċċess

għal self minn banek li jista' jiġi parzjalment iffinanzjat mill-Istati Membri;

55. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati 'innovaturi reġdini', b' mod partikulari fost l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju; jindika r-rwol importanti li jiżvolġu l-organizzazzjonijiet intermedji fl-identifikazzjoni tal-innovaturi reġdini, fil-forniment ta' inċentivi, fl-għoti ta' pariri u fl-appoġġ għall-innovazzjoni; hu tal-fehma li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jissaħħu u li għandu jiġi żviluppat għalihom programm immirat lejn it-titjib tat-taħriġ, tal-kwalifiki u tal-għarfien espert, u li fil-ġejjieni għandha tikber l-importanza ta' mudelli għal korsijiet ta' taħriġ bi skop doppju għal żewġ professjonijiet;
56. Itenni l-importanza li jinkiseb nukleu ta' kompetenzi bażiċi u livell tajjeb ta' kultura ġenerali biex tiġi żgurata addattabilità aħjar għall-ambjent tax-xoġhol; jenfasizza li, f'dan il-kuntest, it-tagħlim tal-lingwi huwa ta' importanza partikolari;
57. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu raggruppamenti u kundizzjonijiet li permezz tagħhom tiġi aċċellerata l-innovazzjoni u jappoġġaw l-iżvilupp ta' sħubijiet aktar b'saħħithom bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u d-dinja kummerċjali, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, filwaqt li jqisu wkoll il-ħtiġijiet tan-negozji meta jiżviluppaw il-kurrikula;
58. Iqis li huwa essenzjali li jiġu stabbiliti programmi b' mod speċifiku biex tiġi promossa kultura xjentifika u teknoloġika bħala parti mill-miżuri biex tiġi promossa l-innovazzjoni fl-oqsma kollha;
59. Jappoġġja l-proposta tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-ħolqien ta' "netwerk virtwali ta' kreattività" li jkun miftuħ għal kulħadd (negozji, awtoritajiet lokali u reġjonali, l-awtoritajiet pubbliċi ċentrali, is-settur privat u ċ-ċittadini) u li jipprovdi pariri, assistenza u aċċess għal kapital ta' riskju u servizzi tekniċi; jenfasizza li netwerk virtwali joffri l-vantaġġ addizzjonali li jipprovdi, lill-abitanti ta' gżejjer, reġjuni periferiċi, żoni rurali u muntanjużi u żoni b'popolazzjoni ta' densità baxxa, aċċess aktar faċli għal pariri esperti, edukazzjoni u informazzjoni, appoġġ għan-negozju u gwida finanzjarja
60. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel progress fit-titjib ta' prospettivi ta' karrieri għar-riċerkaturi u żżidilhom il-mobilità bejn is-setturi tar-riċerka u minn naħa għal oħra tal-fruntieri nazzjonali. Dan jgħin biex jiżgura forniment adegwat ta' riċerkaturi u jsaħħaħ il-kwalità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE. Ir-riċerkaturi madwar l-UE għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mit-taħriġ xieraq, kundizzjonijiet ta' karriera attraenti u tneħħija ta' ostakoli għall-mobilità;
61. Jinnota li l-innovazzjoni soċjali hi sfida ta' Kapital Uman fejn l-Universitajiet għandu jkollhom rwol imsaħħaħ permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ tul il-ħajja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija; jenfasizza l-importanza ta' Universitajiet aktar miftuħa u mmodernizzati u l-bżonn ta' awtonomija akbar tal-Università biex tiddefinixxi prijoritajiet strateġiċi u azzjoni proprja bħala reazzjoni għall-prijoritajiet soċjetali;
62. Jenfasizza, sabiex tiġi żgurata integrazzjoni akbar tal-komponenti tat-triangolu tal-għarfien, il-bżonn ta' promozzjoni tal-politiki biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u d-dinja tan-negozju fl-iżvilupp ta' kurrikuli u programmi ta' dottorat;

63. Jitlob lill-Kummissjoni toħloq pjattaforma diġitali "Innovazzjoni Miftuħa" fejn problemi ta' politika madwar l-Ewropa jkunu jistgħu jintbagħtu, u ideat u soluzzjonijiet ikunu jistgħu jitressqu minn ċittadini u dawk kollha interessati madwar l-Ewropa;
64. Jinnota n-nuqqas rigward kompetenzi li hemm fl-Universitajiet f'dak li jolqot interazzjoni aħjar u proattiva mas-settur tan-negozju; Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tnedi programm mal-Ewropa kollha għat-taħriġ u l-edukazzjoni ta' mamigers ta' universitajiet, ta' uffiċjali għat-trasferiment tat-teknoloġija, u ta' brokers professjonali tat-teknoloġija u sabiex toħroġ linji gwida għall-professjonalizzazzjoni ta' karrieri bħal dawn fl-Universitajiet;

Is-semplifikazzjoni, it-tnaqqis tal-frammentazzjoni, il-finanzjament u l-istandardizzazzjoni

65. Jenfasizza li hemm kosts ta' opportunità importanti assoċjati ma' setturi ta' nfiq tal-UE iktar tradizzjonali u jindika l-ħtieġa li l-prijoritajiet strateġiċi UE2020 jiġu allinjati mal-politika baġitarja; għalhekk jitlob biex sehem ikbar tal-baġit tal-UE jiġi allokat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni;
66. Jenfasizza d-daqs żgħir tal-baġit tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni meta mqabbel mal-baġits tal-Istati Membri li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-finanzjament pubbliku għar-riċerka; għalhekk, jitlob għal enfasi ikbar fuq l-istrumenti ta' finanzjament b'effett ta' massimizzazzjoni tan-nefqa ta' riċerka nazzjonali, fuq l-investment privat, u fuq il-finanzjament tal-BEI, biex tiġi promossa l-koordinazzjoni tal-isforzi u biex jiġi stimulat l-investment sal-miri Ewropej;
67. Jistieden lill-Kummissjoni tgħaqqad skemi ta' għajjnuna eżistenti ma' strutturi ta' appoġġ sabiex tqarreb lejn sistema sempliċi u aċċessibbli biex tħaffef l-innovazzjoni, tiffoka fuq l-isfidi soċjetali l-kbar u tipprevjeni l-frammentazzjoni u l-burokrazija;
68. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-iskemi eżistenti ta' assistenza u strutturi ta' appoġġ u twaqqaf 'punt ta' waqfa waħda' b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jiġifieri, bank ta' servizz fejn il-partijiet interessati kollha (speċjalment l-impriżi innovattivi ż-żgħar u ta' daqs medju) – inklużi l-gvern lokali u reġjonali – jistgħu jfittxu l-informazzjoni u japplikaw għal appoġġ finanzjarju jew jiġu f'kuntatt ma' sħab potenzjali;
69. Jenfasizza l-ħtieġa li jappoġġa lill-SMEs mill-ewwel stadju ta' innovazzjoni sat-tmien, sabiex ikunu jistgħu jinnovaw u jipparteċipaw fil-Programmi ta' Appoġġ Ewropej;
70. Huwa favur strateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni tar-raggruppamenti maħsuba għall-istabbiliment ta' appoġġ xieraq u sistemi ta' gwida għall-SMEs;
71. Jenfasizza l-ħtieġa li r-raggruppamenti Ewropej itejbu l-profil tagħhom u jsiru iktar effikaċi biex juru s-suċċessi u r-riżultati tagħhom; hu tal-fehma li għandha tiġi stabbilita pjattaforma ta' servizz għall-SMEs innovattivi fil-forma ta' rabta ta' raggruppamenti billi jingħaqdu diversi raggruppamenti u parks teknoloġiċi fl-Ewropa u madwar id-dinja (pereżempju, fiż-żona tal-Mediterran);
72. Jenfasizza li l-investment fir-riċerka u fl-iżvilupp għandu t-tendenza li jonqos f'perjodi ta'

kriżi ekonomika, avolja għe ppruvat li daww il-kumpaniji u l-Istati Membri li jinvestu l-aktar matul perjodi bħal dawn huma daww li jiggwadanjaw l-akbar vantaġġ komparattiv fis-suq;

73. Jistieden lill-Kummissjoni ddaħħal qafas wieħed ta' politika għall-appoġġ u finanzjament tal-innovazzjoni b'regoli uniformi, toħloq sinerġiji u twaħħad il-programmi ta' appoġġ għar-Riċerka & Żvilupp u Innovazzjoni (R&D&I), fejn dan ikun possibbli, u li tappoġġja l-innovazzjoni, billi tidderiġi l-finanzjament strutturali u parti mill-fondi tal-Politika Agrikola Komuni lejn l-innovazzjoni u billi tħeġġeġ aktar involviment tas-settur finanzjarju; ifakkar lill-Istati Membri biex jirrispettaw l-impenn tagħhom biex jiddedikaw id-dħul mill-ETS għall-finanzjament ta' azzjonijiet relatati mal-klima, inklużi proġetti ta' innovazzjoni;
74. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra programmi ffinanzjati minn fondi differenti għall-Istati Membri u r-reġjuni li jixtiequ jużawhom; jikkunsidra li dan jikkontribwixxi għall-ħidma b'mod iktar integrat u flessibbli u jżid l-effikaċja tal-interazzjoni bejn id-diversi fondi (il-Fondi Strutturali u l-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp);
75. Jingħaqad mal-Kunsill fis-sejħa għal bilanċ ġdid bejn il-fiduċja u l-kontroll, u bejn it-teħid tar-riskju u l-evitar tar-riskju, filwaqt li jiġi rikonoxxut li r-riċerka u l-innovazzjoni huma attivitajiet ta' riskju kbir mingħajr garanzija ta' riżultati;
76. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li daww li jipparteċipaw fil-proċess ta' innovazzjoni għandhom jindirizzaw id-diversi proċeduri u l-kriterji ta' eliġibilità kemm fil-programmi Ewropej varji kif ukoll bejn dawn u l-programmi nazzjonali; dan iwassal għal burokrazija, spejjeż kbar u ħela ta' ħin u opportunitajiet; Jitlob għal impenn konġunt min-naħa tal-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jimplementaw proċess ta' simplifikazzjoni u konverġenza fir-rigward tal-proċeduri ta' selezzjoni u l-kriterji ta' eliġibilità użati fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni;
77. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta lill-Parlament Ewropew evalwazzjoni esterna dwar l-istrumenti ta' innovazzjoni maħluqa fi ħdan is-Seba' Programm Qafas bħall-Pjattaformi Teknoloġiċi u l-JTIs fejn l-evalwazzjoni għandha tinkludi attivitajiet, sejħiet, proġetti ta' innovazzjoni u riżultati (jekk jeżistu) u l-kontribut ekonomiku mill-fondi pubbliċi u privati;
78. Itenni l-ħtieġa għal żieda sinifikanti fl-investiment għar-Riċerka u l-Iżvilupp, kemm dak privat u dak pubbliku, sabiex l-industrija tal-UE tibqa' fuq quddiem nett fil-qasam tat-teknoloġija u tibqa' kompetittiva fix-xena internazzjonali f'oqsma bħalma huma daww tat-trasport u l-effiċjenza fl-enerġija; barra minn hekk, hi meħtieġa żieda fil-finanzjament pubbliku tar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni sabiex jissaħħaħ l-investiment privat;
79. Jitlob biex il-programm qafas futur irawwem l-użu massimu tas-sejbiet tar-riċerka billi jorbothom mal-proċess tal-innovazzjoni permezz tal-ambitu tal-finanzjament tal-proġetti biex ikunu inklużi l-istadji ta' dimostrazzjoni u l-prototipi;
80. Jenfasizza l-importanza ta' għajjnuna aħjar fl-implimentazzjoni ta' politiki u programmi li jsaħħu s-sinerġija fi ħdan il-katina ta' infrastrutturi tar-riċerka u l-iżvilupp – innovazzjoni – ħolqien tax-xogħol;

81. Simplifikazzjoni amministrattiva u finanzjarja ta' proċeduri ta' finanzjament pubbliku, partikolarment fil-Programmi Qafas tal-UE, hija prerekwiżit għall-istabbiltà, iċ-ċertezza legali għall-parteċipanti u b'konsegwenza, żieda fil-parteċipazzjoni tal-industriji;
82. Itenni li l-Programmi Qafas għandhom ikomplu jappoġġaw riċerka kollaborattiva fl-industrija, minħabba li dan isaħħaħ il-fondi industrijali u għandu influwenza pożittiva fuq il-ħolqien ta' innovazzjoni produttiva fis-suq uniku;
83. Iħeġġeġ iż-żamma ta' bażi soda ta' eċċellenza fir-riċerka bażika, permezz tal-bini fuq is-suċċess tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC) u ż-żamma ta' bażi b'saħħitha għar-riċerka xjentifika applikata u l-innovazzjoni, billi tinholq aġenzija fuq il-mudell tal-ERC għar-riċerka applikata u l-innovazzjoni, fejn jingħaqdu strutturi eżistenti kif xieraq;
84. Jemmen li l-innovazzjoni u l-kreattività huma elementi prinċipali għall-irkupru ekonomiku tal-Unjoni u li wieħed m'għandux jissottovaluta l-importanza tal-konverżjoni tal-innovazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni fi prodotti u servizzi ġodda;
85. Ifakkar li l-innovazzjoni hija l-applikazzjoni b'suċċess ta' ideat fil-prattika u jaċċentwa r-rabta fundamentali bejn l-innovazzjoni u s-suq; għalhekk, għandhom ikunu disponibbli strumenti finanzjarji xieraq li jaċċelleraw l-introduzzjoni ta' teknoloġiji, servizzi jew proċessi ta' suċċess fis-suq tal-UE, partikolarment dawk li jindirizzaw l-isfida kbar tas-soċjetà;
86. Hu tal-fehma li l-isfruttar kummerċjali tas-sejbiet tar-riċerka fl-UE hu wisq bil-mod jew mhux suffiċjenti, u jirrakkomanda li jiġu stabbiliti inkubaturi tan-negozji li jfittxu l-innovazzjonijiet b'mod attiv u jkunu f'kuntatt ma' stabbilimenti tal-edukazzjoni ogħla u tar-riċerka, u li l-kompitu tagħhom ikun li jippromwovu l-isfruttament kummerċjali tas-sejbiet tar-riċerka, pereżempju permezz tal-kuntatti mal-impriżi jew billi jgħinu biex jinstabu investituri privati jew kapital inizjali għall-istabbiliment ta' negozji ġodda;
87. Jenfasizza l-ħtieġa, biex jiġu stimolati d-domanda u s-suq għal prodotti innovattivi, li tiġi promossa l-innovazzjoni billi jinħolqu opportunitajiet ġodda tas-suq;
88. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiddefinixxu u jimplementaw oqsfa ta' politika mmirati li jstimolaw l-aċċess rapidu tal-innovazzjonijiet ta' valur għall-utenti fl-UE, u li jiżguraw li innovazzjoni ġodda jkunu jistgħu jilhqnu l-utenti aħħarja tagħhom fi żmien raġjonevoli;
89. Jenfasizza l-importanza li ssir differenza bejn l-innovazzjoni u r-riċerka; jindika li l-innovazzjoni hija proċess soċjoekonomiku trasversali kumpless, li jinvolvi sforzi biex jiżdiedu n-nefqa fir-riċerka u l-iżvilupp, u l-appoġġ għall-SMEs u għall-attivitajiet ta' teknoloġija avvanzata u li jiffoka fuq l-iżvilupp ta' sistemi integrati bbażati fuq il-karatteristiki u l-ispeċifitajiet tat-territorji differenti;
90. Jistieden lill-Kummissjoni torbot l-istrumenti ta' finanzjament aktar mill-qrib mal-innovazzjoni orjentata lejn id-domanda u tidderiġi dan l-appoġġ lejn l-SMEs u l-kumpaniji li għadhom jibdeu li jkollhom b'żonn aċċess bikri għas-swieq tal-UE jew internazzjonali; iqis għalhekk li hu neċessarju li jkunu approvati "Regoli ta' Parteċipazzjoni" ċari u speċifiċi li jkun fihom miżuri li jkattru l-parteċipazzjoni mill-

impriżi żgħar u mikro;

91. Jenfasizza l-importanza ta' programmi dottorali għall-innovazzjoni Ewropea u jipproponi l-iżvilupp ta' qafas Ewropew għall-programmi dottorali li jħeġġu t-tagħlim tul il-ħajja u jinvolvu negozji fl-appoġġ, il-promozzjoni u l-użu tar-riżultati tar-riċerka; jitlob lill-Istati Membri jeliminaw kwalunkwe ostakolu leġislativ jew amministrattiv li jista' jillimita l-aċċess tal-partijiet interessati għall-programmi dottorali;
92. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra programmi ffinanzjati minn fondi differenti għall-Istati Membri u r-reġjuni li jixtiequ jużawhom; iqis li dan jikkontribwixxi għall-ħidma b'mod iktar integrat u flessibbli u jżid l-effikaċja bejn id-diversi fondi (il-Fondi Strutturali u l-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp);
93. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm appoġġ għall-arkitettura finanzjarja komposta, kif ukoll l-iżvilupp ta' mekkaniżmi finanzjarji ġodda, filwaqt li jingħaqdu strumenti awtomatiċi ma strumenti bbażati fuq għotjiet sabiex jitrawmu investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri strateġiċi tar-Riċerka u l-Iżvilupp;
94. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għall-ħelsien ta' approprjazzjonijiet sal-2014 sabiex tgħin biex jiżdied u jittejjeb il-finanzjament privat meħtieġ għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa;
95. Jirrakkomanda bidla tal-mandat tal-BEI biex jiġi permess finanzjament ta' riċerka u innovazzjoni ta' riskju u qrib is-suq; fid-dawl ta' dan, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tespandi Faċilità għall-Finanzjament bil-Qsim tal-Riskju (l-RSFF) tal-BEI, li kellha suċċess, billi:
 - iżżid il-fattur tal-garanzija tar-riskju,
 - ittejjeb il-garanziji disponibbli u s-self għall-kumpanniji privati jew istituzzjonijiet pubbliċi bi profil oġhla ta' riskju finanzjarju għall-attivitajiet tagħhom ta' R&D&I,
 - l-għoti ta' EUR 500 miljun addizzjonali fl-2011, li jgħolli l-finanzjament kurrenti minn EUR biljun għal EUR 5 biljuni wara l-2013, u
 - id-diversifikazzjoni tat-tip ta' strutturi ta' kondiviżjoni tar-riskju, ħalli jkun hemm aċċess aħjar għall-finanzjamenti mill-impriżi – b'mod partikolari l-SMEs;
96. Huwa tal-opinjoni li fond ta' finanzjament Ewropew għall-innovazzjoni għandu jiġi stabbilit biex tingħata spinta lill-investiment f'SMEs innovattivi permezz tal-qsim ta' riskji li jinvolvi l-isfruttar ta' riżorsi privati;
97. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu definiti investimenti speċifiċi maħsuba għal kumpanniji ġodda innovattivi;
98. Jistieden lill-Kummissjoni tmexxi proporzjon ikbar ta' riċerka viċin is-suq għal proġetti ta' dimostrazzjoni, għal strumenti ta' debitu u ekwità fil-programmi futuri ta' qafas, li jkun jistgħu jagħmlu leverage ta' aktar kapital privat bħalma huma l-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) u l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), u tagħti lill-SMEs aċċess fl-Ewropa kollha għalihom; jenfasizza l-ħtieġa li jonqsu d-disparitajiet ta' finanzjament għal kumpanniji ġodda (transkonfinali);

99. Jenfasizza li komprensioni aħjar tal-ispeċifitajiet assoċjati mad-daqs u l-iżvilupp tal-kumpanija, l-istadju u s-settur tal-attività huma meħtieġa meta jkun qegħdin jitfasslu l-istrumenti tal-fondi; jitlob li tittieħed azzjoni urġenti ħalli jkunu ttrattati l-imblokki fl-istadji inizjali tal-innovazzjoni b'aċċess imtejjeb għal seed funding, angel funding u aktar finanzjament ta' ekwità u kważi-ekwità kemm f'livell ta' UE kemm f'livell reġjonali u lokali;
100. Jenfasizza li l-potenzjal tal-iżvilupp tal-kapital ta' riskju fl-UE huwa 'l bogħod milli jiġi sfruttat minħabba differenzi fir-regoli u fl-arranġamenti ta' tassazzjoni nazzjonali; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex sal-2012 tiżgura li fondi ta' Kapital ta' Riskju stabbiliti fi kwalunkwe Stat Membru jkunu jistgħu jiffunzjonaw u jinvestu b'mod ħieles fl-UE u għalhekk jinholq "Suq Uniku ta' Kapital ta' Riskju tal-UE" ġenwin;
101. Jitlob għal iktar żvilupp tal-istrumenti u l-mekkaniżmi għat-titjib tal-aċċess tal-SMEs għas-servizzi tar-riċerka u l-innovazzjoni (bħal vawċers tal-innovazzjoni) u servizzi bbażati fuq l-għarfien oħra (l-immudellar, il-valutazzjoni tar-riskji, eċċ) li huma kruċjali biex l-SMEs ikunu jistgħu jinnovaw u jsibu soluzzjoni innovattiva għas-suq;
102. Jenfasizza l-benefiċċji fin-negozju u l-ekoeffiċjenza tas-sistemi tal-prodotti u s-servizzi u l-mudelli tan-negozju orjentati lejn il-funzjoni u jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija f'dan il-qasam;
103. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jerġgħu jevalwaw is-sistema kollha tal-innovazzjoni bl-għan li jitneħħew l-ostakli finanzjarji u amministrattivi bla bżonn, pereżempju:
- għall-aċċess għal self jew opportunitajiet u strumenti oħra ta' appoġġ finanzjarju għall-universitajiet u għall-RTOs,
 - għall-iżvilupp ta' attivitajiet ta' trasferiment teknoloġiku abbażi tal-valorizzazzjoni tal-proprjetà intellettuali;
104. Jiddispaċiħ li l-protokoll tal-innovazzjoni huma soġġetti għal proċessi ta' approvazzjoni burokratiċi twal li jrażżnu l-innovazzjoni, jillimitaw il-kompetittività tas-suq tal-UE u jwaqqfu l-iżvilupp tat-tagħrif xjentifiku fil-komunità medika, biex b'hekk iwasslu għal dewmien fit-twassil tal-benefiċċji għall-pazjenti;
105. Jenfasizza l-importanza li tingħata prijorità lir-reviżjoni tad-direttiva dwar il-provi kliniċi fi djalogu mar-riċerkaturi, bil-għan li jiġi żgurat qafas regolatorju mtejjeb għall-iżvilupp ta' prodotti mediċinali u li jitqabblu kuri alternattivi ma' prodotti mediċinali fir-riċerka klinika (kif iddikjarat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Innovazzjoni u s-Solidarjetà fil-Farmaċewtiċi adottati fi Brussell fis-6 ta' Diċembru 2010);
106. Jenfasizza l-importanza kbira li jintuża għarfien ġdid biex jinħolqu modi ġodda u aħjar li jipprevjenu, isibu, u jfejqu l-kanċer u li jiġu promossi mekkaniżmi rapidi li jagħmlu dawn l-iskoperti disponibbli għall-pazjenti;
107. Jenfasizza l-importanza tal-innovazzjoni fit-Trijangolu tal-Għarfien u jišhaq dwar il-ħtieġa tal-iżvilupp ta' kultura ta' innovazzjoni fil-perspettiva finanzjarja u l-perspettivi ta' wara l-2013;

108. Jistieden lill-Istati Membri, b'kooperazzjoni mill-qrib mar-reġjuni, jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-Fondi Strutturali għar-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni fil-perjodu finanzjarju attwali, filwaqt li jindirizzaw l-isfidi soċjetali l-kbar, jagħmlu sforz biex jilhqg koeżjoni fl-innovazzjoni u fir-riċerka u jallinjaw il-prijoritajiet tal-Fondi Strutturali mal-obiettivi UE2020; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevitaw xogħol doppju li jiswa l-flus billi jippromwovu strateġiji speċjalizzati intelliġenti u mmirati iktar; iqis li r-reġjuni għandhom jingħataw inċentivi biex jippromwovu din l-istruttura ta' speċjalizzazzjoni Ewropea;
109. Jenfasizza li l-fondi ta' koeżjoni ppjanati għall-innovazzjoni fil-biċċa l-kbira tagħhom jispiċċaw ma jintnefqux minħabba rekwiżiti amministrattivi mhux xierqa u minħabba l-ħtieġa għal fondi li jmorru flimkien li ma jkunux disponibbli fi żminijiet ta' restrizzjoni finanzjarja; jinnota li dan il-fatt jikkontribwixxi għat-tkabbir tad-disparità ekonomika fost l-Istati Membri, li tinsab fil-qalba tal-kriżi attwali taż-żona tal-Euro; jitlob riforma u s-simplifikazzjoni tal-fondi strutturali, biex ikunu aċċessibbli għall-istrutturar mill-ġdid tal-atturi ekonomiċi involuti, partikolarment l-SMEs;
110. Jemmen li l-istabbiliment ta' referenzi u standards wera li kien katalist b'saħħtu għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-kompetittività sostenibbli f'bosta setturi industrijali; Jingħaqad mal-Kunsill u jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposti biex il-proċeduri ta' standardizzazzjoni jiġu aċċellerati, issimplifikati, b'inqas spejjeż u jiġu mmodernizzati permezz ta' iktar trasparenza u involviment ikbar tal-partijiet interessati, biex b'hekk jiġġeneraw reazzjoni Ewropea b'aktar ħeffa għall-iżviluppi innovattivi tas-suq globali; jitlob lill-Kummissjoni biex tqis bis-serjetà l-mekkaniżmi innovattivi li jirnexxu bħall-istabbiliment ta' standards miftuħa li jintegraw lill-partijiet interessati tul il-katina tal-valur;
111. Jirrimarka li l-istandardizzazzjoni tista' żżid l-innovazzjoni u l-kompetittività billi tiffaċilita l-aċċess għas-swieq u billi tippermetti l-interoperabilità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar ħalli tippromwovi l-inklużjoni tal-istandards Ewropej, l-aktar fl-oqsma soċjali u ambjentali, fil-ftehimiet futuri rigward il-kummerċ ħieles;
112. Jenfasizza għalhekk li l-istrateġiji kollha marbuta mat-trasformazzjoni tal-Ewropa għal dinja wara l-kriżi għandhom ikunu ggwidata mill-ħolqien tal-impjiegi sostenibbli;
113. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm Qafas (Grupp ta' Esperti), meta titlob li jitqies moratorju fuq l-istrumenti ġodda sakemm daww eżistenti jkun għew żviluppati biżżejjed u evalwati kif xieraq; għalhekk, jitlob għal prekawzjoni partikolari sabiex tiġi evitata proliferazzjoni li tfixkel ta' strumenti;
114. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament evalwazzjoni esterna tal-istrumenti ta' innovazzjoni maħluqa taħt is-Seba' Programm Qafas, bħal, pereżempju, il-pjattaformi teknoloġiċi u l-JETIs (Inizjattivi Konġunti Ewropej fil-qasam tat-Teknoloġija), u jqis li l-evalwazzjoni għandha tkopri l-attivitajiet, it-talbiet biex jitressqu proposti, il-proġetti ta' innovazzjoni, ir-riżultati (jekk disponibbli), kif ukoll il-kontribuzzjoni ekonomika minn fondi pubbliċi u privati.
115. Jitlob lill-Kummissjoni biex, fid-dawl tal-mira ta' finanzjament tal-2020 għall-iżvilupp

tar-riċerka u t-teknoloġija sabiex dawn jammontaw għal 3% tal-PGD u sabiex jingħaraf li r-riċerka u l-innovazzjoni huma l-uniċi mezzi sikuri biex jinkiseb l-irkupru ekonomiku fl-UE, biex tqis il-possibbiltà tal-istabbiliment ta' livell minimu vinkolanti interim ta' finanzjament għall-Istati Membri għall-iżvilupp tar-riċerka u t-teknoloġija li jkun jammonta għal madwar 1% tal-PGD sal-2015;

116. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-innovazzjoni hija essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u li l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tirrekluta madwar miljun riċerkatur addizzjonali biex tilħaq l-għan li tonfoq 3% tal-PGD fuq ir-riċerka u l-iżvilupp kif stipulat fl-Istrateġija Ewropa 2020; jemma li dan l-għan jista' jintlaħaq aktar faċilment billi jiżdied b'mod sostanzjali n-numru ta' riċerkaturi nisa, li jammontaw biss għal 39% tar-riċerkaturi impjegati fis-settur pubbliku u fl-edukazzjoni ogħla u 19% tar-riċerkaturi li jaħdmu fis-settur privat¹;
117. Jappoġġa l-oġġettiv li jiżdied b'miljun in-numru ta' riċerkaturi fl-UE sal-2020, u josserva li investiment enormi bħal dan ikollu effetti ta' multiplikatur sinifikanti fuq l-impjieg, iżda fl-istess ħin iqis li dan huwa oġġettiv ambizzjuż ħafna li jirrikjedi li jiġu stabbiliti oġġettivi għal kull pajjiż individwali u li jsiru sforzi mmirati; jinnota li s-settur pubbliku ma għandux neċessarjament il-fondi biżżejjed biex jagħmel dan, jiġifieri għalkemm hemm bżonn qawwi li jiżdied l-għadd ta' postijiet għar-riċerkaturi fi stabbilimenti tal-edukazzjoni ogħla u f'istituti pubbliċi ta' riċerka, il-biċċa l-kbira tar-riċerkaturi se jiġu impjegati fis-settur privat; jinnota li l-attenzjoni għandha tiffoka anqas fuq in-numru ta' riċerkaturi u aktar fuq l-innovazzjoni tagħhom, il-kwalità tal-edukazzjoni tagħhom, id-diviżjoni Ewropea tax-xogħol fil-qasam tar-riċerka, ir-riżorsi għar-riċerka u l-kwalità tar-riċerka;
118. Jilqa' bi pjaċir l-appoġġ tal-Kummissjoni għal innovazzjoni miftuħa u kollaborattiva li se ggħib benefiċċji soċjali u ekonomiċi fuq perjodu twil ta' żmien; japprova f'dan il-kuntest l-impenn tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tixrid, it-trasferiment u l-użu tar-riżultati tar-riċerka, inklużi l-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet u għad-data minn riċerka ffinanzjata pubblikament; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni ssib il-mezzi meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, u jenfasizza r-rwol li Europeana jista' jkollha f'dan il-qasam;

Is-suq uniku u l-proprjetà intellettuali

119. Jisħaq li s-suq uniku tal-Ewropa jrid ikun lest b'urġenza għall-oġġetti u s-servizzi kollha, inklużi l-prodotti tas-saħħa innovattivi, biex b'hekk jipprovdi aċċess għal 500 miljun konsumatur; itenni li sfida kbira għas-suq uniku Ewropew hija l-frammentazzjoni tal-liġijiet u l-proċessi ta' validazzjoni;
120. Jenfasizza li f'xi setturi, bħal dak tas-saħħa, ir-riżultati tar-riċerka wasslu għall-innovazzjoni kull darba li x-xjenza ppermettiet, u għalhekk iqis li l-pessimiżmu tal-Kummissjoni fir-rigward tal-innovazzjoni f'ħafna każijiet mhuwiex ġustifikat;
121. Jenfasizza li l-prattiki attwali ta' ħruġ ta' liċenzji jikkontribwixxu għall-frammentazzjoni tas-suq intern tal-UE; jinnota li għalkemm sar progress, id-domanda tal-konsumaturi għal

¹ Stqarrija għall-stampa bit-titlu 'She Figures 2009 – major findings and trends', Kummissjoni Ewropea, 2009, <http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=MEMO/09/519&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en>.

liċenzji multiterritorjali u multirepurtorjali għal użi transkonfinali u online ma ġietx indirizzata b'mod sodisfaċenti;

122. Ifakkar li l-oġġettiv tal-UE huwa li tippromwovi l-industriji kulturali kreattivi kemm online kif ukoll offline u jqis li l-għan għandu jkun l-użu wiesa' ta' liċenzji pan-Ewropej skont id-domandi tas-suq u tal-konsumaturi u li, jekk dan ma jistax jintlaħaq f'perjodu qasir ta' żmien, għandha ssir valutazzjoni komprensiva tal-leġiżlazzjoni meħtieġa biex jiġu affrontati l-ostakli potenzjali kollha għall-ħolqien ta' suq intern effikaċi tal-UE, inkluż il-prinċipju tat-territorjalità;
123. Jilqa' r-reviżjoni mill-Kummissjoni tas-sistema Ewropea tat-trademarks u jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tiżgura li t-trademarks ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess livell ta' protezzjoni kemm fl-ambjent online kif ukoll f'dak offline;
124. Jisħaq li sistema b'saħħitha, ibbilanċjata u implimentata sew ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR) li tikkontribwixxi għal aktar trasparenza u tipprevjeni kwalunkwe frammentazzjoni hi waħda mill-kundizzjonijiet ta' qafas prinċipali għall-innovazzjoni; jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tipprevjeni l-IPR milli jikkostitwixxu ostakolu għall-kompetizzjoni u l-innovazzjoni; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva dwar il-proprjetà intellettuali – u fejn xieraq tippreżenta proposti leġiżlattivi – li tibbilanċja d-drittijiet tal-inventuri mal-promozzjoni ta' użu wiesa' tal-għarfien u l-invenzjonijiet u l-aċċess għalihom;
125. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq l-iżgurar li l-SMEs ikunu jistgħu jużaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u industrijali b'mod effiċjenti;
126. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-problemi speċifiċi li jiltaqgħu magħhom l-SMEs fir-rigward tal-affermazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tagħhom skont il-prinċipju “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” stabbilit mill-Att tan-Negożji ż-Żgħar għall-Ewropa, inter alia billi jiġi applikat il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għall-SMEs;
127. Huwa tal-fehma li infurzar li jiffunzjona sew tal-IPRs iżid l-inċentivi għall-kumpaniji biex jiżviluppaw prodotti innovattivi u għalhekk iżid il-firxa ta' prodotti u servizzi disponibbli għall-konsumaturi;
128. Jitlob l-introduzzjoni ta' privattiva Ewropea unika bbilanċjata; jilqa', sadanittant, l-appoġġ wiesa' fil-Kunsill għall-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa dwar privattiva unika tal-UE biex tibda fl-2011;
129. Jirrimarka li għandhom jiġu adottati il-privattiva unika Ewropea u l-Istatut tal-Kumpanija Ewropea sabiex jippromwovu t-tranżizzjoni għal kummerċ barra mis-suq Komunitarju; jenfasizza l-bżonn ta' tnaqqis fl-ispejjeż ta' privattivi tal-UE u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, fid-dawl tad-differenzi ekonomiċi eżistenti fl-Istati Membri tal-UE, sabiex dawn ikunu iktar kompetittivi meta mqabbla mal-prezzijiet fl-Istati Uniti u fil-Ġappun;
130. Jitlob l-ikkompletar taż-Żona Ewropea tar-Riċerka – obbligu skont it-Trattat – sal-2014, sabiex l-UE tkun tista' żżomm u tattira l-aqwa talent, timmassimizza l-libertà tal-moviment tar-riċerkaturi u tippromwovi l-attività transkonfinali tal-istituti tar-riċerka u

tat-teknoloġġja kif ukoll it-tixrid, it-trasferiment u l-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka; jenfasizza li għalhekk ikun ta' importanza kbira li jiġu żviluppanti mekkaniżmi ta' finanzjament xierqa;

131. Jenfasizza l-hteġa li jiġu promossi politiki li jinkoraġġixxu r-riċerkaturi jibqgħu fl-Istati Membri tal-UE billi jippromwovu kundizzjonijiet attraenti ta' xogħol fl-istituti ta' riċerka pubbliċi;
132. Jemmen li politika effiċjenti ta' innovazzjoni u ta' tkabbir trid bilfors tinvesti fi programmi ta' riċerka li jiffaċilitaw il-mobilità u l-iskambji bejn ir-riċerkaturi fil-livell internazzjonali u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn id-dinja tax-xjenza u dik kummerċjali (Azzjonijiet Marie Curie);
133. Jenfasizza l-importanza li jinħolqu, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, kundizzjonijiet favorevoli u inċentivi sabiex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni fl-istudji dottorali, kif ukoll lill-parteċipazzjoni fir-riċerka innovattiva, biex titwaqqaf il-ħarba tal-imħuħ u biex l-UE tkun tista' tieħu benefiċċji sostanzjali, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività tagħha permezz ta' riċerka u studji avvanzati u innovattivi;
134. Jitlob revizzjoni mħeffa tal-leġiżlazzjoni dwar it-trademark Komunitarju u, f'dan ir-rigward, it-teħid ta' passi xierqa biex jiġi żgurat li t-trademarks jingħataw l-istess livell ta' protezzjoni kemm f'ambjenti fuq l-internet kif ukoll mhux fuq l-internet;
135. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi żviluppata suq tal-għarfien Ewropew għall-IPR u l-għoti ta' liċenzji sa tmiem l-2011, inkluż l-aċċess iffaċilitat għal proprjetà intellettwali mhux użata, fost affarijiet oħra, billi titħeġġeġ il-formazzjoni ta' pjattaformi ta' privattivi komuni u gruppi ta' privattivi;
136. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti leġiżlattivi meħtieġa għall-ħolqien ta' Suq Diġitali Uniku li jiffunzjona bis-sħiħ sal-2015, peress li dan se jtejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet qafas għall-innovazzjoni; jisħaq li l-inizjattivi għandhom ikunu ambizzjużi b'mod partikolari f'oqsma prinċipali bħad-dritt tal-awtur, il-kummerċ elettroniku, inkluża politika tal-konsumatur għall-kummerċ elettroniku, u l-użu tal-informazzjoni tas-settur pubbliku;
137. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ipoġġu t-tlestija tas-Suq Uniku, inklużi miżuri li jippromwovu s-Suq Diġitali Uniku, fil-qalba tal-politika ta' innovazzjoni, peress li din se tikseb prezzijiet aħjar u iktar kwalità għall-konsumaturi, tappoġġa l-iżvilupp ta' prodotti innovattivi, tkattar il-ħolqien tal-impjiegi fl-UE u tiġġenera opportunitajiet ġodda ta' tkabbir fl-UE fis-swieq pilota;
138. Jindika li, li kieku kellna noqorbu lejn suq innovattiv uniku, irid jintlaħaq ftehim dwar il-metodi ta' valutazzjoni tal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali, diretti u indiretti, fuq terminu ta' żmien qasir u twil;

Akkwist pubbliku

139. Ifakkar li l-akkwist pubbliku, li jirrappreżenta 17% tal-PDG annwali tal-UE, għandu rwol importanti fis-suq uniku Ewropew u biex jistimula l-innovazzjoni;

140. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw b'mod strateġiku l-akkwist pubbliku li jindirizza l-isfidi soċjali, jistimulaw l-innovazzjoni u jidderieġu l-baġit tal-akkwist pubbliku tagħhom lejn prodotti, proċessi u servizzi innovattivi, sostenibbli u ekoeffiċjenti, filwaqt li jitqies li l-irħas offerta mhijiex dejjem l-iktar waħda vijabbli ekonomikament; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni:

- tiffaċilita, fil-proposti leġiżlattivi tagħha, akkwist pubbliku li jippermetti l-innovazzjoni, inkluż rieżami tal-opportunitajiet ta' akkwist prekummerċjali;
- tipprovdi possibilitajiet biex jintuża l-kofinanzjament mill-UE permezz tal-Fondi Strutturali bħala inċentiv għal korpi reġjonali u lokali tas-settur pubbliku,
- toħroġ linji gwida tal-aħjar prattika u programmi ta' taħriġ għall-akkwirenti pubbliċi fil-livell tal-Istati Membri, bl-għan li jiġu żviluppanti ħiliet f'akkwisti prekummerċjali u innovattivi kumplessi;

141. Jinsisti li l-innovazzjoni għandha tkun element ewlieni tal-politika pubblika f'oqsma bħall-ambjent, l-ilma, l-enerġija, it-trasport, it-telekomunikazzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni; jisħaq dwar il-ħtieġa tal-promozzjoni tat-tixrid u l-assorbiment wiesa' tal-innovazzjoni fis-settur pubbliku, f'intrapriżi privati u speċjalment fl-SMEs;

142. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-isforzi tas-settur pubbliku biex jadotta approċi innovattivi u biex iniedu l-programm il-ġdid ta' riċerka dwar l-innovazzjoni fis-settur pubbliku, pereżempju fl-oqsma tal-gvern elettroniku, is-saħħa elettronika u l-akkwist elettroniku, u wkoll biex ixerrdu l-aħjar prassi fl-amministrazzjoni pubblika, ħaġa li tnaqqas il-burokrazija u tħaddan politiki ċċentrati fuq iċ-ċittadin; jenfasizza l-importanza tas-settur pubbliku fit-tishiġ tal-fiduċja pubblika fis-suq diġitali intern;

143. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jinkoraġġixxu l-użu tal-akkwist elettroniku u speċjalment l-użu tal-akkwist prekummerċjali, inkluż l-akkwist konġunt u elettroniku, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lill-osservanza tar-regoli tal-protezzjoni tad-data bħala parti integrali mill-istrateġija innovattiva tal-UE; jistieden b'mod partikolari lill-Kummissjoni, bħala parti mir-reviżjoni ġenerali tal-qafas legali għall-akkwist pubbliku, biex tiċċara u tissimplifika r-regoli rilevanti u tagħmilha possibbli għall-awtoritajiet kontraenti li jagħmlu użu iktar trasparenti tal-akkwist prekummerċjali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-inklużjoni trasparenti ta' kriterji soċjali, ambjentali, ta' kummerċ ġust u innovattivi li jkunu speċifikati u reali fl-akkwist pubbliku mingħajr ma jiġi pperikolat l-involviment attiv tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju fil-proċess tat-tfassil ta' soluzzjonijiet ġodda u innovattivi u filwaqt li jiġu osservati r-regoli applikabbli tal-kompetizzjoni;

144. Jinnota li l-SMEs innovattivi jħabbtu wiċċhom ma problemi fl-aċċess għall-finanzjament għall-internazzjonalizzazzjoni u l-assigurazzjoni ta' kreditu kummerċjali internazzjonali, fost ostakoli oħra, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri ta' appoġġ ġodda għall-SMEs fil-qafas tal-Att tan-Negożji ż-Żgħar rivedut u l-Komunikazzjoni mistennija dwar il-Politika tal-Kummerċ Internazzjonali u l-SMEs;

145. Jenfasizza li hemm bżonn ta' reċiproċità internazzjonali fir-rigward tal-aċċess għal swieq

ta' akkwist pubbliku, biex b'hekk tingħata l-opportunità lin-negozji tal-UE jikkompetu b'kundizzjonijiet ġusti internazzjonalment;

146. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikulari lill-ostakoli mhux relatati mat-tariffi, li, minħabba li t-tariffi qegħdin gradwalment jitnaqqsu jew jitneħħew, għandhom it-tendenza li jsiru l-ostakoli ewlenin għall-kummerċ internazzjonali; iqis bħala mhux ġustifikati l-ostakoli kollha li jirriżultaw mill-implimentazzjoni inkonsistenti ta' regoli kummerċjali bilaterali u multilaterali; iqis bħala ġustifikati, min-naħa l-oħra, l-ostakoli kollha li jirriżultaw minn attivitajiet leġittimi leġiżlattivi u amministrattivi minn awtoritajiet pubbliċi li joriġinaw minn oqsma mhux kummerċjali imma li għandhom konsegwenzi mhux intenzjonati fuq il-kummerċ, li t-tneħħija tagħhom għandha tkun suġġetta għall-konsultazzjoni u d-deliberazzjoni pubblika;
147. Jirrikonoxxi li t-trasferiment tat-teknoloġija fl-interess tal-iżvilupp u rigward l-ilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju jeħtieġ ikun aspeċt importanti fil-politika kummerċjali Ewropea, imma jirrikonoxxi li t-trasferiment tal-għarfien dwar it-teknoloġija ta' livell għoli tal-UE lil pajjiżi terzi għandha tissorveljah il-Kummissjoni biex tikseb informazzjoni aħjar fuq il-forom tal-innovazzjoni u l-iżviluppi futuri, u biex tevita l-kompetizzjoni inġusta;
148. Jenfasizza r-rwol importanti li jista' jkollhom l-SMEs jekk ir-regoli tal-akkwist pubbliku jitfasslu b'rekwiżiti li jistgħu jiġu adattati (inklużi rekwiżiti tal-kapital u d-daqs tal-kuntratti) skont id-daqs tan-negozji li jipparteċipaw;
149. Jenfasizza l-importanza tal-involvement tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'kooperazzjoni xjentifika ma' pajjiżi terzi; hu tal-opinjoni li l-intrapriżi tal-UE għandhom jiggarrantixxu aċċess aħjar għal programmi ta' riċerka u żvilupp f'pajjiżi terzi;
150. Jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri għandhom jaġixxu b'mod ikkoordinat dwar ftehimiet u miżuri fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija marbuta ma' pajjiżi terzi; hu tal-opinjoni li għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-potenzjal għal ftehimiet qafas mill-UE u l-Istati Membri ma' pajjiżi terzi;

Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni (EIPs)

151. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni (EIPs) fejn:

- jiddikjara l-prinċipju l-aktar importanti tal-intelliġenza tar-riżorsi fl-EIPs kollha, biex b'hekk jiġu promossi l-effiċjenza tar-riżorsi, il-konsum intelliġenti u l-produzzjoni u l-ġestjoni effiċjenti fil-katina kollha ta' provvista,
- jilqa' l-proġett pilota dwar it-tixjiħ attiv u fis-saħħa;

152. Jisħaq li l-EIPs:

- ma għandhomx jaqbżu n-numru limitat ta' sfidi soċjetali kbar u għandhom ikunu allinjati magħhom,

- għandhom jiġġeneraw ispirazzjoni permezz ta' miri "tal-bniedem fuq il-qamar" ambizzjużi iżda fattibbli, iffukati fuq l-impatt, fuq riżultati tanġibbli ċari u li jissarrfu b'mod koerenti f'objettivi speċifiċi,
- għandhom jgħolqu sinerġiji u jsegwu l-prinċipji SMART,
- għandhom ikunu kondiviżi u kkoordinati fost aktar minn żewġ oqsma ta' politika (DGs) fi ħdan il-Kummissjoni,
- għandhom jintegraw u jikkoordinaw aħjar l-istrumenti u l-inizjattivi kollha eżistenti tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni, inklużi l-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni tal-IET, filwaqt li jevitaw xogħol doppju mhux meħtieġ,
- għandhom jiżguraw il-parteeipazzjoni tas-sħab pubbliċi u privati rilevanti kollha, inklużi l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, tul il-katini tal-provvista, fl-għażla, fl-iżvilupp u fl-operazzjoni ta' sħubijiet futuri;

Għalhekk jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi u tappoġġa inizjattivi oħra bbażati fuq il-prinċipju tas-Sħubiji tal-Innovazzjoni Ewropej;

153. Iqis eżemplari l-objettiv assenjat lis-sħubija pilota dwar it-Tixjijiet Attivi u b'Saħħtu li jestendi l-għomor b'saħħtu b'sentejn sal-2020, u hu tal-fehma li għandhom jiġu stabbiliti objettivi ċari għas-sħubiji innovattivi kollha, li mingħajr miżuri innovattivi, ikunu nieqsa mill-viżjoni u mill-motivazzjoni u jsir iktar diffiċli li jiġu stabbiliti objettivi interim u parzjali li jkunu jistgħu jitkejlu;

154. Jilqa' s-“Sħubijiet Ewropej tal-Innovazzjoni” maħsuba biex iżidu u jikkoordinaw l-investimenti fir-Riċerka u l-Iżvilupp kif ukoll biex l-akkwist pubbliku jkun ikkoordinat aħjar biex titħaffef l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet fis-suq. Jenfasizza madankollu li l-politiki ta' akkwist ma għandhomx jifasslu biex jieħdu post is-swieq privati jew biex jgħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni iżda biex jiffaċilitawhom, jistimulaw id-diffużjoni tal-innovazzjoni, waqt li l-swieq jinżammu liberi li jimxu f'direzzjonijiet ġodda;

155. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti fir-Regolament għall-fondi differenti fil-perjodu 2014-2020, sabiex tkun faċilitata s-Sħubija tal-Innovazzjoni Ewropea f'termini konkreti;

156. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament dwar l-EIPs kollha, u darbtejn fis-sena dwar l-ewwel proġett pilota u jitlob li l-Parlament Ewropew ikun involut fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-EIPs;

157. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sħubija ta' innovazzjoni għall-materji primi;

Ir-reġjun bħala sieħeb importanti

158. Jenfasizza li l-involviment sħiħ tal-awtoritajiet reġjonali u lokali huwa kruċjali biex jinkisbu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, minħabba li għandhom rwol importanti fil-ġabra flimkien tan-negozji, l-istituti tal-għarfien, l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadin fl-istandard "diamond 4", biex b'hekk iservu ta' intermedjarju bejn dawn l-atturi varji, l-Istati Membri u l-UE; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tissuġġerixxi oqsma għal diskussjoni u arranġamenti operattivi li permezz tagħhom ir-reġjuni jkunu jistgħu jipparteċipaw u jagħtu kontribut fir-reazzjoni l-aktar xierqa għall-isfidi soċjetali l-kbar, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà filwaqt li fl-istess ħin jiġu rikonoxxuti l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni differenti;

159. Jinnota l-konklużjonijiet tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni tal-2009 dwar l-effetti sproporzjonati li l-kriżi ekonomika u finanzjarja qed ikollha f'pajjiżi u f'reġjuni differenti, li qegħdin jimminaw l-għan ta' konverġenza; jinsab imħasseb li r-restrizzjonijiet baġitarji attwali imposti fuq l-Istati Membri jistgħu jwasslu għal restrizzjonijiet akbar fuq l-investiment fl-STI, b'effetti potenzjalment ta' ħsara; jaqbel li l-inizjattiva tal-"Unjoni tal-Innovazzjoni" għandha tinkludi l-Istati Membri u r-reġjuni kollha u li dan hu essenzjali biex jiġi evitat il-ħolqien ta' "diskrepanza tal-innovazzjoni" bejn pajjiżi u reġjuni b'innovazzjoni akbar jew anqos;
160. Jistieden lir-reġjuni kollha jinvestu fl-innovazzjoni u jaġġustaw l-istrateġiji għall-innovazzjoni tagħhom biex iżidu l-effiċjenza tagħhom, itejbu l-kapital uman tagħhom u jsaħħu l-kapaċità u r-rieda tal-impriżi tagħhom li jkunu innovattivi u kompetittivi fil-livell internazzjonali;
161. Jindika li dawk li huma responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell reġjonali għandhom ikunu kompletament konxji mill-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni joffru fir-reġjuni kollha, peress li l-biċċa l-kbira tal-innovazzjonijiet jinħolqu fil-livell tal-interfaċċja Prattika (innovazzjonijiet ibbażati fuq id-domanda u fuq l-utent) u fil-biċċa l-kbira tagħhom huma ffinanzjati mill-FEŻR; jinnota għalhekk li, sal-punt li l-attivitajiet ta' innovazzjoni mhux bilfors jew mhux prinċipalment jirrikjedu l-eżistenza ta' stabbilimenti ta' edukazzjoni oġġla, anke dawk ir-reġjuni mingħajr universitajiet u ċentri ta' riċerka għandhom ikunu kapaċi jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' innovazzjoni proprji u jisiltu l-benefiċċju massimu mir-riżorsi u mill-beni reġjonali u lokali f'termini ta' potenzjal ta' innovazzjoni;
162. Jinnota li t-trawwim tal-innovazzjoni fil-livell reġjonali jista' jgħin sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi reġjonali; minkejja dan, jinkuraġġixxi l-livelli differenti (reġjonali, nazzjonali u tal-UE) biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom b'mod aktar effikaċi bħala parti mill-ippjanar tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp madwar l-Ewropa;
163. Jindika li l-innovazzjoni – kemm fit-tfassil tal-politika u fl-attivitajiet tan-negozji u taċ-ċentri ta' riċerka – hija ta' importanza fundamentali biex tingħata sostanza lill-politika ta' koeżjoni territorjali tal-UE u li, minħabba n-natura proprja tagħha, tista' tagħti kontribut deċiżiv biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' koeżjoni u biex jingħelbu l-ostakoli għal din il-koeżjoni fiż-żoni b'karatteristiki ġeografiki u demografiki speċifiċi;
164. Jiġbed l-attenzjoni għall-kontribut li d-diversità kulturali tagħti lill-innovazzjoni; jikkunsidra, f'dan ir-rigward, li l-azzjoni biex tiġi ssalvagwardjata u promossa d-diversità kulturali reġjonali għandha tingħata rwol prominenti fil-politika ta' innovazzjoni;
165. Jisħaq fuq ir-rwol fundamentali tar-reġjuni fit-tfassil tal-politiki biex jistimulaw l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali; jindika madankollu li, f'ħafna Stati Membri, il-baġits reġjonali u lokali mhumiex biżżejjed u l-baġits nazzjonali għall-innovazzjoni huma baxxi;
166. Jisħaq fuq il-fatt li l-potenzjal innovattiv sħiħ tar-reġjuni tal-UE għandu jitqanqal sabiex jintlaħaq l-oġġettiv Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u jindika li l-politika reġjonali futura għandha titratta din l-isfida bħala prijorità ewlenija; jemmen li din il-prijoritizzazzjoni tapplika għall-oġġettivi kollha tal-politika reġjonali, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kompetittività tal-Ewropa tkun garantita skont standards dinjijin;

jitlob li l-industrija tiġi involuta fl-ekoinnovazzjoni, billi l-imprendituri għandhom rwol importanti ħafna fit-tixrid tal-ekoinnovazzjoni b'mod aktar estensiv fil-livell reġjonali; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-informazzjoni għall-imprendituri – billi jintwerew opportunitajiet kummerċjali ġodda – se tkun kruċjali għas-suċċess ta' strateġija mmirata għall-iżvilupp ta' ekonomiji b'użu effiċjenti tar-riżorsi u ta' industriji sostenibbli;

167. Jenfasizza r-rwol tal-potenzjal innovattiv ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE iżda li jikkoperaw mal-UE fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant, u jitlob li dawn il-pajjiżi jiġu inklużi fl-inizjattiva tal-"Unjoni tal-Innovazzjoni";

168. Jenfasizza l-potenzjal kbir tal-bliet għar-riċerka u l-innovazzjoni; jemmen li politika urbana aktar intelliġenti, u l-inizjattiva ta' 'Bliet Intelliġenti' fil-qasam tal-enerġija, bbażata fuq l-avvanzi teknoloġiċi u li tindirizza l-fatt li 80% tal-popolazzjoni tal-Ewropa tgħix fil-bliet, li propju fihom insibu l-akbar differenzi soċjali, tikkontribwixxi għal innovazzjoni ekonomika sostenibbli;

Implimentazzjoni tal-Istrateġija

169. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssarraf id-dokument strateġiku attwali "Unjoni tal-Innovazzjoni" fi pjan ta' azzjoni b'objettivi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu u miri b'tul ta' żmien speċifiku; jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja l-progress regolament, billi tivvaluta l-ostakoli u tistabbilixxi mekkaniżmu li jiffaċilita t-titjib, b'rapporti regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;

170. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta l-istrumenti speċifiċi tal-Politika ta' Innovazzjoni Ewropea mal-kompetituri esterni ewlenin tagħna (l-Istati Uniti, il-Ġappun, u l-pajjiżi BRIC) u tirraporta dwar ir-rendiment komparattiv tagħhom fir-rigward tal-innovazzjoni.

o

o o

171. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Sfidi kbar li qed tħabbat wiċċha magħhom is-soċjetà

L-għaqda tal-forzi f'kawża komuni ssaħħaħ lil dawk kollha kkonċernati. L-għaqda tal-forzi biex issir innovazzjoni sabiex jiġu solvuti problemi komuni fl-Ewropa tfisser aktar konċentrazzjoni, żvilupp aktar mgħaġġel, effiċjenza, inkluża l-kosteffiċjenza u kreattività akbar. L-Unjoni tal-Innovazzjoni hija maħsuba mhux biss biex tipprovdi tweġiba għall-problemi komuni li qed tiffaċċa s-soċjetà iżda fl-istess ħin biex tgħolli l-kompetittività tal-Ewropa u tipponta lejn soluzzjonijiet għall-ħruġ mill-kriżi. F'kontinent li jiddependi fuq l-importazzjonijiet, l-Istati Membri, b'mod unit, qed iħossu l-bżonn li l-materja prima u l-prodotti bażiċi meħtieġa biex tiġi ġġenerata l-enerġija jew għall-użu fl-industrija jew fil-produzzjoni tal-ikel, jintużaw b'mod intelliġenti u sostenibbli. It-tixjiħ tal-popolazzjoni hi sfida oħra li kważi kull pajjiż tal-UE qed jaffaċċa. Bl-għan li n-nies jingħataw aktar snin ta' ħajja b'saħħitha u kura u mediċina aħjar filwaqt li jkun ikkontrollat l-infiq, approċċ konġunt jista' jipproduċi riżultati aktar malajr. L-ekonomiji tal-Ewropa saru daqstant interkonnessi li mhux biss l-istabilità tal-euro teħtieġ approċċ komuni: hekk ukoll l-isforzi biex tiżdied il-kompetittività tal-Istati Membri. Li hu meħtieġ huwa triq komuni lejn ekonomija ekwa u stabbli.

Il-kreattività tan-nies: il-liberta' għall-innovazzjoni

In-nies huma kreattivi u huma stess iridu jingħataw l-opportunità jgħinu biex itejbu l-ambjent tal-madwar tagħhom, is-soċjetà tagħhom. Skont riċerka riċenti, din l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi għal 75% tas-suċċess tal-innovazzjoni teknoloġika. Għalhekk huwa ta' valur inestimabbli li jingħata lok lill-impjegati biex jissuġġerixxu kif il-proċessi tax-xogħol jistgħu jitjiebu. Il-membri tal-pubbliku huma fihom infushom innovaturi, pereżempju bħala żviluppaturi ta' applikazzjonijiet għall-iPhone mhux Ewropew, iżda l-imġiba u l-konsum tagħhom ukoll imexxu l-innovazzjoni. Huwa importanti għalhekk li n-nies jingħataw – u jaħtfu – opportunitajiet biex jeżerċitaw influwenza huma nfushom u jsiru parti mit-tranżizzjoni għal soċjetà sostenibbli, pereżempju billi jtejbu applikazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli ta' skala mikro. It-tibdil fl-imġiba, inkluż fil-konsum, jista' jmexxi l-innovazzjoni b'mod qawwi.

X'għandu x'jakkwista l-pubbliku mill-innovazzjoni?

L-għan tal-konċentrazzjoni fuq l-innovazzjoni huwa li jinżamm livell għoli ta' prosperità fl-Ewropa billi jinstabu alternattivi sostenibbli għal prodotti, proċessi u servizzi li ntużaw qabel. Soluzzjonijiet aktar rapidi biex tiġi pprovduta kura aħjar għal mard ġerjatriku u mard tal-ġid u biex tiġi promossa l-mobilità f'età avvanzata – dawn huma ftit eżempji ta' benefiċċji li l-kooperazzjoni fl-Ewropa mistennija tipprovdi lill-membri tal-pubbliku. L-għan tal-prova tas-sħubija għall-innovazzjoni 'Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu' hu sentejn aktar ta' ħajja b'saħħitha għal kullħadd fl-Ewropa sal-2020.

Fokus

Għażliet definiti u miri ambizzjużi huma essenzjali sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni. Il-

fokus u l-koerenza fil-politika huma l-mezzi. Jekk l-innovazzjoni għandha tipproduċi soluzzjonijiet għal tant problemi, għandha tiġi fformulata politika vigoruża biex tinkoraġġixxi l-kreattività li tista' tiġi ttrasformata fi prodotti, servizzi, proċessi jew movimenti fi żmien qasir.

X'inhi l-innovazzjoni u x'jistà jsir aħjar?

Sa ftit żmien ilu, l-innovazzjoni kienet tissemma' fl-istess sentenza mar-riċerka, u l-prodotti ta' teknoloġija avvanzata biss kienu jitqiesu li jinkorporaw l-innovazzjoni. L-innovazzjoni hi ferm aktar wiesgħa u hija espressa f'bidla li rnexxiet ta' idea fi prodott, proċess, servizz u moviment. Ir-riċerka hi tabilħaqq sors ta' innovazzjoni verament importanti, iżda l-innovazzjoni ġejja minn sorsi oħra ukoll. Pereżempju, hemm l-idea brillanti li tista' tiġi ttrasformata direttament fi prodott, proċess, servizz jew moviment (il-Facebook huwa eżempju ta' dan).

Sabiex tkun faċli biex l-ideat jilhqgħu s-suq jew jitqiegħdu fil-prattika, hemm bżonn ta' dan li ġej:

1. aċċess aħjar għall-kreditu u l-appoġġ finanzjarju,
2. aktar investiment fir-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali mis-sħab pubbliċi u privati,
3. regoli ċari biex jinżammu prospetti fit-tul,
4. proċeduri sempliċi għall-aċċess għal programmi ta' appoġġ Ewropej jew nazzjonali b'inqas burokrazija,
 - punt ta' waqfa waħda għal programmi ta' appoġġ li jegħleb il-komplessità tal-proċedura t'applikazzjoni għan-negozji (speċjalment l-SMEs), l-istitutuzzjonijiet ta' riċerka, l-universitajiet kif ukoll l-awtoritajiet reġjonali u lokali. Punt ta' waqfa waħda ma jkunx iħares biss lejn applikazzjonijiet għall-finanzjament iżda jfittex ukoll sħab jew netwerks għal kooperazzjoni,
 - ikkombinar ta' programmi ta' appoġġ fejn ikun possibli. Ħafna programmi jidħlu f'xulxin. Il-frammentazzjoni tal-fondi ġeneralment tfisser ukoll frammentazzjoni tal-konċentrazzjoni,
 - inqas insistenza dwar il-monitoraġġ b'konnessjoni mal-applikazzjonijiet għal finanzjament; aktar kompetenza fl-allokazzjoni ta' finanzjament u fiduċja akbar wara l-avveniment,
5. kooperazzjoni effettiva bejn l-UE, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-istitutuzzjonijiet tar-riċerka, l-universitajiet, in-negozji u 'l-aħħar iżda mhux l-inqas' il-pubbliku,
6. promozzjoni tal-kapaċitajiet kwantitattivi fl-edukazzjoni (fis-suġġetti tax-xjenza), aktar konċentrazzjoni fl-istudji, aktar skambji bejn l-oqsma akkademiċi u kooperazzjoni mtejjba bejn l-istabbilimenti tal-edukazzjoni u r-riċerka u l-industrija,
7. privattiva Ewropeja sempliċi u mhux għalja, regoli li jistgħu jiġu użati biex jiproteġu l-proprjetà intelletwali u sistema Ewropeja biex isir skampju ta' privattivi mhux użati,
8. suq intern ġenwin Ewropew, li jippermetti li l-innovazzjonijiet jirnexxu aħjar grazzi għall-aċċess għal suq magħmul minn aktar minn 500 miljun persuna. Fil-present, uħud mill-innovazzjonijiet ma jirnexxilhomx jaqsmu l-konfini minnħabba proċeduri ta'

awtorizzazzjoni kumplessi u differenzi fir-regolamenti fl-Istat Membru l-ieħor. 'Suq intern' għandu jinfthiem li qed jirreferi għal swieq li sa ftit żmien ilu kienu moqdiya prinċipalment b'mod nazzjonali, bħal fil-każ ta' prodotti tas-saħħa innovattivi, li huma ta' għajjnuna ideali għal tixjiħ attiv u b'saħħtu,

9. politika tal-akkwist pubbliku flessibbli għal innovazzjoni (sostenibbli). Il-problemi fir-rigward ta' fornituri uniċi u fil-pubblikazzjoni ta' liġi dwar il-propjetà intelletwali hemm bżonn li jiġu solvuti, inkluż fl-istadju prekommerċjali.

Il-politika Ewropea

Il-politika Ewropea għandha tiffoka aktar fuq it-tfassil speċifiku, u l-kisba, tal-oġettivi relatati mal-isfidi l-kbar li qed taffaċċja s-soċjetà. Fil-preżent il-politika mmirata biex iżżid l-innovazzjoni għadha frammentata wisq u ffukata primarjament fuq ir-riċerka. Ir-riċerka għandha tkompli tirċievi din l-attenzjoni, u l-mira ta' 3% tal-PNG għar-riċerka għandha tintlaħaq. Iżda barra minn hekk proċessi oħra li jwasslu għall-innovazzjoni (inkluża l-innovazzjoni soċjali) għandhom ikunu appoġġati f'oqsma ta' politika oħrajn. Jeħtieġ li jiġi adottat approċċ olistiku u kumpatt għall-innovazzjoni fil-politika.

Sħubijiet ewropej għall-innovazzjoni

Il-Kummissjoni tipproponi sħubijiet għall-innovazzjoni sabiex issolvi aktar malajr l-isfidi l-kbar li qed taffaċċja s-soċjetà. L-intenzjoni hi li dawn is-sħubijiet iridu fuq kollox jisfruttaw is-sinerġiji bejn l-iżviluppi tal-innovazzjoni eżistenti u jsolvu l-problemi li qed jostakolaw innovazzjoni iktar rapida. Dawn is-sħubijiet iridu jimxu mal-prinċipju SMART, biex b'hekk ikunu speċifiċi, jistgħu jitkejlu, jistgħu jintlaħqu, realistiċi u fil-ħin. Iridu jindirizzaw it-tliet sfidi l-kbar li qed taffaċċja s-soċjetà biex tiġi evitata l-frammentazzjoni.

3.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni: Inbiddu l-Ewropa għad-dinja wara l-kriżi
(2010/2245(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Badia i Cutchet

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappoġġa l-inizjattiva tal-Unjoni tal-innovazzjoni bħala pilastru ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali fl-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni inklużiva fil-livelli kollha, inklużi l-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ;
2. Jinkoraġġixxi l-innovazzjoni bħala kunċett wiesa' li jinvolvi l-proċess kollu mill-idea oriġinali sal-prodott finali, b'mod partikolari fir-rigward tal-innovazzjoni fil-mudelli u fis-servizzi kummerċjali u filwaqt li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-potenzjal kreattiv tal-industrija Ewropea, kif ukoll mill-ekonomija Ewropea fil-forom diversi u multipli tagħha ta' intraprenditorjat (kumpaniji kbar, SMEs, intrapriżi u organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali) u istituzzjonijiet edukattivi;
3. Jirrikonoxxi l-importanza tal-industriji kulturali u kreattivi fil-kuntest tal-innovazzjoni, meta jitqies li l-istudji juru li l-kumpaniji li jagħmlu użu proporzjonalment akbar mis-servizzi tal-industriji kulturali u kreattivi għandhom prestazzjoni li b'mod sinifikanti hija aħjar fir-rigward tal-innovazzjoni;
4. Jilqa' bi pjaċir l-appoġġ tal-Kummissjoni għal innovazzjoni miftuħa u kollaborattiva li se ġġib benefiċċji soċjali u ekonomiċi fuq perjodu twil ta' żmien; japprova f'dan il-kuntest l-impenn tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tixrid, it-trasferiment u l-użu tar-riżultati tar-riċerka, inklużi l-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet u għad-data minn riċerka ffinanzjata pubblikament; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni ssib il-mezzi meħtieġa biex

jintlaħqu dawn l-għanijiet, u jenfasizza r-rwol li Europeana jista' jkollha f'dan il-qasam;

5. Japprova l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li tenfasizza l-importanza tal-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni tal-internet b'veloċità qawwija biex tissaħħaħ il-kapaċità taċ-ċittadini Ewropej li jipparteċipaw fl-innovazzjoni u li jagħtu kontribut għaliha sabiex jiġu involuti l-parteċipanti u r-reġjuni kollha fiċ-ċiklu tal-innovazzjoni;
6. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Ewropa tinbidel f'żona ta' eċċellenza akkademika b'aktar mobilità, diversità u investment għar-riċerka, inkluża r-riċerka bażika, bl-għan li tintlaħaq Żona Ewropea ta' Riċerka u jiġu mmassimizzati s-sinerġiji offruti mill-potenzjal ta' innovazzjoni tal-Ewropa, kif ukoll li titnaqqas kemm tista' d-duplikazzjoni tal-isforzi fil-qasam tar-riċerka;
7. Itenni l-importanza li jinkiseb nukleu ta' kompetenzi bażiċi u livell tajjeb ta' kultura ġenerali biex tiġi żgurata addattabilità aħjar għall-ambjent tax-xogħol; jenfasizza li, f'dan il-kuntest, it-tagħlim tal-lingwi huwa ta' importanza partikolari;
8. Jikkundanna t-tnaqqis baġitarju fir-riċerka u fl-edukazzjoni li sar minn bosta Stati Membri u jtenni l-importanza li jingħata finanzjament pubbliku adegwat f'dawn l-oqsma;
9. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu raggruppamenti u kundizzjonijiet li permezz tagħhom tiġi aċċellerata l-innovazzjoni u jappoġġaw l-iżvilupp ta' sħubijiet aktar b'saħħithom bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u d-dinja kummerċjali, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, filwaqt li jqisu wkoll il-ħtiġijiet tan-negozji meta jiżviluppaw il-kurrikula;
10. Jitlob li jsir sforz koordinat fil-livelli kollha tat-tmexxija, lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew, flimkien mal-aprtijiet interessati kollha, biex tiġi implimentata "l-Unjoni tal-Innovazzjoni", filwaqt li jitqiesu d-dimensjonijiet edukattivi u kulturali tal-innovazzjoni;
11. Iqis li huwa essenzjali li jiġu stabbiliti programmi b'mod speċifiku biex tiġi promossa kultura xjentifika u teknoloġika bħala parti mill-miżuri biex tiġi promossa l-innovazzjoni fl-oqsma kollha;
12. Iqis li r-riforma tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) hija meħtieġa biex ikun jista' jseħħ it-trasferiment tal-għerf u tal-kompetenzi teknoloġiċi u biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġusti għall-kollaborazzjoni, speċjalment il-kollaborazzjoni xjentifika, fl-UE u ma' pajjiżi terzi;
13. Jafferma l-prinċipju tan-newtralità tan-netwerk u tal-istandards miftuħa bħala xpruni tal-innovazzjoni;
14. Jenfasizza l-importanza tal-innovazzjoni soċjali sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet soċjali tat-tipi kollha u jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bl-iskop li jiġu promossi s-saħħa u l-aċċess għall-edukazzjoni u għall-għerf, għall-kultura u għas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali;
15. Jenfasizza r-rwol li għandu s-settur tal-ekonomija soċjali (kooperattivi, impriżi mutwi, assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet) fl-innovazzjoni soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni

tal-mezzi biex jiġu ssodisfati ħtiġijiet li ma jitqiesux mis-suq u mill-forom konvenzjonali ta' intraprenditorjat;

16. Jenfasizza r-rwol li l-ekonomija soċjali għandha wkoll fl-innovazzjoni manijerjali li għandha l-għan li tilħaq il-parteċipazzjoni sħiħa tal-impjegati kollha fid-deċiżjonijiet u fil-ġestjoni tal-kumpaniji;
17. Ifakkar li l-edukazzjoni oġhla hija l-aktar qasam importanti għall-iżvilupp ta' ideat innovattivi u jenfasizza għalhekk li huwa importanti li l-programmi ta' studju fl-edukazzjoni oġhla jqisu l-ħtiġijiet kontemporanji tas-soċjetà u tal-ekonomija;
18. Jilqa' bi pjaċir l-attenzjoni speċjali li l-Kummissjoni qed tagħti lill-ilħuq ta' rappreżentazzjoni aktar ekwilibrata bejn il-ġeneri fi-xjenzi, u jistedinha tagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jintlaħaq l-oġettiv ta' ugwaljanza reali bejn il-ġeneri fl-aktar żmien qasir possibbli;
19. Jenfasizza l-importanza tar-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tax-xjenzi soċjali, fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, pereżempju billi jiġu inklużi l-persuni anzjani f'dan il-qasam ta' attività, u jfaħħar inizjattivi bħal "Xjenza Kontra l-Faqar" u l-proklamazzjoni tal-2012 bħala s-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv; jirrikonoxxi li huwa importanti li l-isforzi tar-riċerka jinbidlu f'applikazzjonijiet, prodotti u servizzi prattiċi;
20. Jenfasizza r-rwol tal-potenzjal innovattiv ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE iżda li jikkooperaw mal-UE fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant, u jitlob li dawn il-pajjiżi jiġu inklużi fl-inizjattiva tal-"Unjoni tal-Innovazzjoni";
21. Jirrimarka li wieħed mill-modi kif jiġu implimentati l-oġettivi tal-Unjoni tal-innovazzjoni huwa billi tiġi armonizzata l-politika tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali u billi jinħoloq privativ Ewropew.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	3.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Piotr Borys, Silvia Costa, Mary Honeyball, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Marek Henryk Migalski, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marietje Schaake, Timo Soini, Emil Stoyanov, Helga Trüpel, Marie-Christine Vergiat, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Iosif Matula, Georgios Papanikolaou, Hella Ranner, Mitro Repo, Joanna Katarzyna Skrzydlewska

18.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni: Inbiddlu l-Ewropa għad-dinja wara l-kriżi
(2010/2245(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sari Essayah

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li huwa neċessarju li jiżdied il-fehim tal-isfidi li qed taffaċċja s-soċjetà, u hu tal-fehma li politiki maħsuba biex jappoġġaw l-innovazzjoni għandhom ikunu orjentati u użati biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi, bħat-tibdil fil-klima, l-effiċjenza tar-riżorsi u tal-enerġija, is-saħħa u l-bidla demografika; jenfasizza l-importanza tal-effetti sinerġiċi bejn politiki innovattivi għall-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet għall-innovazzjoni bil-għan li jiġu żviluppati ħiliet ġodda u jinħolqu impjiegi f'ekonomija sostenibbli biex jiġu evitati u rrimedjati l-isfidi tas-soċjetà kif ukoll il-problemi kruċjali tas-saħħa u dawk soċjali bħall-faqar u l-esklużjoni soċjali; jirrakkomanda li jittieħed vantaġġ mill-kapaċità tal-Istati Membri differenti biex jibdeu malajr sħubijiet innovattivi, kif kien il-każ tas-Sħubija pilota tal-Innovazzjoni Ewropea fil-qasam tat-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu;
2. Hu tal-fehma li l-innovazzjoni jista' jkollha rwol importanti fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali billi ttejjeb il-kwalità tas-servizzi provduti u li għalhekk għandhom jitwaqqfu programmi speċifiċi ta' taħriġ professjonali;
3. Iqis eżemplari l-objettiv assenjat lis-sħubija pilota dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu li jestendi l-għomor b'saħħtu b'sentejn sal-2020, u hu tal-fehma li għandhom jiġu stabbiliti objettivi ċari għas-sħubiji innovattivi kollha, li mingħajr miżuri innovattivi, ikunu nieqsa mill-viżjoni u mill-motivazzjoni u jsir iktar diffiċli li jiġu stabbiliti objettivi interim u parzjali li jkunu jistgħu jitkejlu;

4. Jisħaq fuq l-importanza tar-riċerka fil-qasam mediku, li flimkien mal-applikazzjonijiet innovattivi, tteġġeg it-tkabbir u l-benessri f'soċjetà li qed tixjeh; jappoġġa l-kooperazzjoni mill-qrib bejn dipartimenti tar-riċerka tal-universitajiet u l-industrija medika sabiex jiġġeneraw prodotti u servizzi li ċ-ċittadini tal-UE se jeħtieġu b'mod urġenti fid-deċennju li ġej;
5. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-innovazzjoni hija esenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u li l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tirrekluta madwar miljun riċerkatur addizzjonali biex tilħaq l-għan li tonfoq 3% tal-PGD fuq ir-riċerka u l-iżvilupp kif stipulat fl-Istrateġija Ewropa 2020; jemmen li dan l-għan jista' jintlaħaq aktar faċilment billi jiżdied b'mod sostanzjali n-numru ta' riċerkaturi nisa, li jammontaw biss għal 39% tar-riċerkaturi impjegati fis-settur pubbliku u fl-edukazzjoni oġhla u 19% tar-riċerkaturi li jaħdmu fis-settur privat¹;
6. Jenfasizza l-importanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) fl-attività innovattiva kollha, u li t-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja jkun żgurat sabiex il-gruppi vulnerabbli wkoll ikunu jistgħu jisfruttaw għalkollox il-potenzjal tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; jirrakkomanda l-promozzjoni tal-użu mifrux tal-ICT, il-promozzjoni tal-Riċerka u l-Iżvilupp f'dan il-qasam, il-favorizzazzjoni tal-kodiċijiet open-source, l-iżvilupp ta' politika tal-innovazzjoni li tkun xprunata mill-utent u b'hekk tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni akbar mill-individwi u l-SMEs fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u servizzi ġodda; jinnota li l-appoġġ għan-negozji li jipproduċu kontenut bl-użu tal-ICT se jgħin ukoll biex jinħolqu u jinżammu l-impjiegi u l-kompetittività;
7. Jenfasizza li l-investment fir-riċerka u fl-iżvilupp għandu t-tendenza li jonqos f'perjodi ta' kriżi ekonomika, avolja ġie ppruvat li daww il-kumpaniji u l-Istati Membri li jinvestu l-aktar matul perjodi bħal dawn huma daww li jiggwadanjaw l-akbar vantaġġ komparattiv fis-suq;
8. Jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġati t-twaqqif u l-iżvilupp ta' impriżi innovattivi, u li l-finanzjament pubbliku u privat ikun ikkombinat, u li jkun ssupplimentati b'mekkaniżmi ta' kapital ta' riskju u assistenza teknika fl-implimentazzjoni tal-proġetti;
9. Jenfasizza li l-parti l-kbira tal-inizjattivi li se jagħmlu l-innovazzjoni possibbli ġejjin mis-settur kummerċjali u li għalhekk huwa esenzjali li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-universitajiet u maċ-ċentri ta' riċerka;
10. Jirrakkomanda l-involviment taċ-ċittadini kollha fl-innovazzjoni u li dawn ikunu fil-qagħda li jinnovaw kif ukoll jiżviluppaw spirtu ta' imprenditorjat; jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni marbuta ma' proġett pilota ta' innovazzjoni soċjali Ewropea u l-proposta ewlenija tagħha li l-innovazzjoni soċjali ssir prijorità ċentrali tal-programmi tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE); hu tal-fehma li l-politika tal-innovazzjoni għandha tiġi kkunsidrata b'mod wiesa', mhux biss fil-forma ta' innovazzjoni teknika iżda wkoll – aktar milli kien il-każ fil-passat – bħala innovazzjoni soċjali u waħda marbuta mas-servizzi li jgħinu biex titjib l-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni fost il-persuni u tassisti kemm il-produzzjoni diretta tas-servizzi u l-produzzjoni industrijali, li teħtieġ organizzazzjoni ta'

¹ Stqarrija għall-stampa bit-titlu '*She Figures 2009 – major findings and trends*', Kummissjoni Ewropea, 2009, <http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=MEMO/09/519&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en>.

xogħol aħjar flimkien mal-vantaġġi kompetittivi li għandhom jinkisbu bl-ghajjnuna ta' servizzi ġodda; jitlob ukoll li l-FSE jipprijoritizza l-bżonn ta' investiment fil-ħiliet, fl-impjiegi, fit-taħriġ u fit-taħriġ mill-ġdid bil-ħsieb li jinħolqu aktar impjiegi u ta' kwalità aħjar f'ekonomija aktar sostenibbli, filwaqt li jitqiesu l-effiċjenza tar-riżorsi u tal-enerġija;

11. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem aktar mill-qrib mal-Istati Membri sabiex isiru previżjonijiet għal żmien medju u fit-tul dwar il-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol u biex jiġu inkoraġġiti sħubijiet bejn l-universitajiet u s-settur tan-negozju biex titjeb it-tranżizzjoni taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol filwaqt tingħata għajjnuna biex tinħoloq soċjetà innovattiva bbażata fuq l-għerf, tiġi żviluppata r-riċerka applikata u jinħolqu prospetti ta' xogħol aħjar għall-gradwati;
12. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-involviment tan-nisa fl-oqsma tar-riċerka u t-teknoloġija, l-aħħar ċifri tal-Kummissjoni jindikaw li 19% biss tal-karigi akkademiċi għolja huma okkupati minn nisa, anke jekk in-nisa jammontaw għal aktar minn nofs l-istudenti universitarji¹;
13. Jinnota li fi żminijiet ta' kriżi, huwa essenzjali li jiġu attirati ż-żgħażaġh lejn it-tipi l-ġodda ta' impjiegi disponibbli u li jkun żgurat li l-programmi tal-ħiliet jipromwovu l-aċċess taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol, bil-ħsieb li jkunu jistgħu japprofittaw ruħhom mill-potenzjal ta' impjiegi, sabiex tiġi miġġielda r-rata għolja tal-qgħad fost iċ-ċittadini ta' taħt il-25 sena u sabiex isir kapital mill-ħiliet tal-ġenerazzjoni żaġhżuġha fl-użu ta' teknoloġiji ġodda;
14. Jitlob li jsir sforz sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet tal-ħiliet fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerinija u l-matematika; jenfasizza l-importanza li tiżdied il-kwalità tat-taħriġ, jitjeb l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali, ikun promoss it-taħriġ kontinwu tal-impjegati, filwaqt li jsiru arranġamenti għall-aċċess u l-organizzazzjoni ta' dan it-taħriġ li huma inklużivi u ma jiddiskriminawx kontra n-nisa; hu tal-fehma, madankollu, li dawn il-miżuri għandhom ikunu mmirati primarjament għal ħaddiema li jiġi assenjat lilhom xogħol li jeħtieġ inqas kwalifiki milli kien meħtieġ qabel, li huma friskju li jutilfu l-impjiegi tagħhom minħabba l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda, u dawk li ġew issensjati minħabba li m'għandhomx il-ħiliet meħtieġa mir-ristrutturar u mill-konverżjoni; ifakkar ukoll fil-bżonn li jiġu żviluppati l-attivitajiet ta' taħriġ kollha b' mod aktar komprensiv, fil-livelli kollha ta' taħriġ, sabiex tissaħħaħ il-kreattività, l-innovazzjoni u l-impreditorjat;
15. Jenfasizza l-importanza li jiżdied il-livell tat-tagħlim tul il-ħajja u li jiġu żviluppati attivitajiet ta' taħriġ għal kulħadd sabiex jiżdiedu l-ekoinnovattività u l-impreditorjat u biex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tkun tista' taġġusta l-ħiliet tagħha għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ta' ekonomija aktar sostenibbli bbażata fuq kunċetti ta' taħriġ ibbażati fuq il-kompetenza; jistieden lill-Istati Membri, lil min iħaddem u lill-impjegati biex jagħrfu bħala responsabilità konġunta l-ġestjoni tal-ħiliet, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja għall-innovazzjoni, bħalma ġie rrikonoxxut fil-ftehim ta' qafas tas-sħab soċjali tal-2002 dwar it-tagħlim tul il-ħajja;

¹ Stqarrija għall-stampa bit-titlu '*She Figures 2009 – major findings and trends*', Kummissjoni Ewropea, 2009, <http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=MEMO/09/519&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en>.

16. Jenfasizza l-importanza li jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-aċċess għall-programmi Ewropej ta' riċerka, u l-proċeduri għal dan l-aċċess;
17. Jenfasizza l-importanza li jinħolqu, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, kundizzjonijiet favorevoli u inċentivi sabiex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni fl-istudji dottorali, kif ukoll lill-parteċipazzjoni fir-riċerka innovattiva, biex titwaqqaf il-ħarba tal-imħuħ u biex l-UE tkun tista' tiegħu benefiċċji sostanzjali, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività tagħha permezz ta' riċerka u studji avvanzati u innovattivi;
18. Jenfasizza l-importanza li tiġi integrata l-innovazzjoni kemm fl-edukazzjoni b'mod ġenerali kif ukoll fit-tagħlim tul il-ħajja, bil-ħsieb li tinholq forza tax-xogħol li tkun kapaċi tirreaġixxi għall-ħtiġijiet li jinbidlu ta' ekonomija tas-suq soċjali sostenibbli u innovattiva li toffri impjiegi ġodda, ta' kwalità għolja u dejjiema;
19. Hu tal-fehma li għandu jinholq spazju Ewropew ta' riċerka effikaċi kemm jista' jkun malajr, li fih il-kooperazzjoni tkun ibbażata primarjament fuq il-kooperazzjoni volontarja bejn l-Istati Membri; jinnota li l-ostakoli għall-mobilità tar-riċerkaturi għandha tiġi eliminata, u tinholq infrastruttura tar-riċerka Ewropea avvanzata; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lir-riċerkaturi fl-Istati Membri kollha bil-ħsieb li jsir użu ottimali mill-potenzjal tagħhom;
20. Jappoġġa l-oġġettiv li jiżdied b'miljun in-numru ta' riċerkaturi fl-UE sal-2020, u josserva li investiment enormi bħal dan ikollu effetti ta' multiplikatur sinifikanti fuq l-impjiegi, iżda fl-istess ħin iqis li dan huwa oġġettiv ambizzjuż ħafna li jirrikjedi li jiġu stabbiliti oġġettivi għal kull pajjiż individwali u li jsiru sforzi mmirati; jinnota li s-settur pubbliku ma għandux neċessarjament il-fondi biżżejjed biex jagħmel dan, jiġifieri għalkemm hemm bżonn qawwi li jiżdied l-għadd ta' postijiet għar-riċerkaturi fi stabbilimenti tal-edukazzjoni oġġħla u f'istituti pubbliċi ta' riċerka, il-biċċa l-kbira tar-riċerkaturi se jiġu impjegati fis-settur privat; jinnota li l-attenzjoni għandha tiffoka anqas fuq in-numru ta' riċerkaturi u aktar fuq l-innovazzjoni tagħhom, il-kwalità tal-edukazzjoni tagħhom, id-diviżjoni Ewropea tax-xogħol fil-qasam tar-riċerka, ir-riżorsi għar-riċerka u l-kwalità tar-riċerka;
21. Jirrimarka li, meta jitqies in-nuqqas ta' studenti tal-edukazzjoni oġġħla fl-oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija, jeħtieġ li jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-ebda student ma jabbanduna l-istudji tiegħu jew ikun limitat fl-għażla tiegħu ta' stabbiliment edukattiv minħabba raġunijiet finanzjarji, u li għalhekk huwa neċessarju li jitkompla jiġi promoss l-aċċess għal self minn banek li jista' jiġi parzjalment iffinanzjat mill-Istati Membri;
22. Jitlob li jkun hemm inizjattiva speċifika tal-UE biex il-bniet jiġu attratti lejn il-professjonijiet MINT (marbuta mal-matematika, l-informatika, ix-xjenzi naturali u t-teknoloġija) u biex jiġu miġġielda l-isterjotipi li għadhom jiddominaw dawn il-professjonijiet; jisħaq fuq il-fatt li r-rwol tal-midja u l-edukazzjoni hu fundamentali fil-għlieda kontra sterjotipi ta' din ix-xorta;
23. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki li jinkoraġġixxu r-riċerkaturi jibqgħu fl-Istati Membri tal-UE billi jippromwovu kundizzjonijiet attraenti ta' xogħol fl-istituti ta' riċerka pubbliċi;

24. Jisħaq fuq l-importanza li jitnaqqsu l-burokrazija u jitneħħew l-ostakoli għall-mobilità tar-riċerkaturi biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jgħibu ideat u soluzzjonijiet u teknoloġiji innovattivi minn ekonomiji innovattivi oħra għall-Unjoni Ewropea;
25. Jirrakkomanda li l-innovazzjoni tiġi promossa wkoll permezz ta' proġetti komuni transkonfinali tas-settur pubbliku, billi jiġu eliminati l-ostakoli leġislattivi għall-użu tal-akkwist pubbliku biex tiġi promossa l-innovazzjoni, billi wieħed jimxi fid-direzzjoni tat-twaqqif ta' mira minima għall-proporzjon tal-akkwist pubbliku użat biex tiġi promossa l-innovazzjoni, b'koordinazzjoni aħjar minn dik li kien hemm sal-lum tal-finanzjament pubbliku tal-UE, tal-Istati Membri u dak reġjonali u bi tnaqqis tal-burokrazija relatata, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni (b'mod partikolari mill-SMEs), billi jiżded l-użu tad-dejta pubblika, jittejjeb l-aċċess għas-sejbiet tar-riċerka u jsir aktar faċli li dawn jiġu sfruttati, kif ukoll permezz ta' miżuri mmirati biex jippromwovu l-investment ta' kapital ta' riskju f'impriżi b'potenzjal ta' tkabbir.
26. Hu tal-fehma li l-isfruttar kummerċjali tas-sejbiet tar-riċerka fl-UE hu wisq bil-mod jew mhux suffiċjenti, u jirrakkomanda li jiġu stabbiliti inkubaturi tan-negozji li jfittxu l-innovazzjonijiet b'mod attiv u jkunu f'kuntatt ma' stabbilimenti tal-edukazzjoni oġhla u tar-riċerka, u li l-kompitu tagħhom ikun li jippromwovu l-isfruttament kummerċjali tas-sejbiet tar-riċerka, pereżempju permezz tal-kuntatti mal-impriżi jew billi jgħinu biex jinstabu investituri privati jew kapital inizzjali għall-istabbiliment ta' negozji ġodda;
27. Jenfasizza l-ħtieġa, biex jiġu stimulati d-domanda u s-suq għal prodotti innovattivi, li tiġi promossa l-innovazzjoni billi jinħolqu opportunitajiet ġodda tas-suq;
28. Josserva li l-proġetti ta' riċerka li għandhom jiġu ffinanzjati għandu jkollhom l-għan li jiksbu riżultati sostanzjali u li l-produttività tal-ħidma tal-innovazzjoni għandha titkejjel permezz ta' indikaturi ta' monitoraġġ adattati;
29. Jenfasizza li, għas-suċċess sħiħ tal-inizjattiva tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, huwa neċessarju li jiġi adottat approċċ integrat għall-formulazzjoni tal-politiki u għat-tfassil tal-istrumenti relatati mar-riċerka u mal-innovazzjoni, li jiġi organizzat koordinament b'saħħtu bejn l-istituzzjonijiet u li jiġu involuti totalment u direttament il-partijiet interessati kollha rilevanti fl-għażliet u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	16.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 45 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Jean-Luc Bennahmias, Pervenche Berès, Mara Bizzotto, Philippe Boulland, David Casa, Alejandro Cercas, Marije Cornelissen, Frédéric Daerden, Karima Delli, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Ilda Figueiredo, Thomas Händel, Roger Helmer, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Liisa Jaakonsaari, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Patrick Le Hyaric, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Öry, Rovana Plumb, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Sven Giegold, Antigoni Papadopoulou, Evelyn Regner
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Fiona Hall, Diana Wallis, Janusz Wojciechowski

17.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni: Inbiddlu l-Ewropa għad-dinja wara l-kriżi (2010/2245(INI))

Rapporteur għal opinjoni: João Ferreira

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li l-innovazzjoni fl-oqsma tal-għarfien u tal-attività ekonomika u soċjali kollha, għandha titmexxa minn kriterji ta' interess pubbliku, mit-titjib tal-kwalità tal-ħajja, mill-promozzjoni tal-benesseri soċjali u l-preservazzjoni tal-ambjent u tal-bilanċ naturali;
2. Jilqa' l-Kumunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni bħala fundamentali għall-istrateġija UE2020 għall-impjiegi u t-tkabbir, u jenfasizza l-importanza li jiġu evitati l-iżbalji li saru fil-perjodu strateġiku fuq medda ta' għaxar snin preċedenti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija UE2020;
3. Jisħaq li l-kunċett ta' innovazzjoni għandu natura multidimensjonali u jinkludi fih mhux biss ir-riċerka xjentifika u l-iżvilupp sperimentali u teknoloġiku (li hi l-bażi ewlenija tal-innovazzjoni), iżda ukoll l-iżvilupp ta' proċessi, metodoloġiji u mudelli organizzattivi u ta' imġiba ġodda;
4. Jenfasizza li l-oqsma tal-ħarsien tal-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sigurtà tal-ikel kif ukoll il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima huma fost dawk li l-iktar jeħtieġu sforz ta' innovazzjoni msaħħa li jinkludi t-tisħiħ tal-bażi xjentifika u teknoloġika attwali; jisħaq li l-programmi ta' riċerka u l-innovazzjoni tal-ġejjieni tal-UE se jeħtieġu li jqisu dawn l-oqsma b'mod adegwat; għal dan il-għan, jenfasizza l-bżonn għall-adozzjoni ta' approċċ transsettorjali bbażat fuq ir-reżistenza tal-ekosistema;

5. Jissuġġerixxi dawn l-eżempji bħala oqsma ta' prijorità li fuqhom għandhom jiġu iffukati aktar sforzi, fil-kuntest tal-iżvilupp ta' ħliet fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni (STI): l-użu effiċjenti ta' riżorsi l-iskarsezza ta' riżorsi; ir-restawr tal-ekosistema, l-irkupru u r-reċiklaġġ tal-iskart; it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni u r-riskju ta' diżastru naturali; il-preservazzjoni tan-natura u tal-bijodiversità; il-kwalità u s-sigurtà tal-ikel; it-tibdil demografiku; u l-epidemiji l-ġodda;
6. Jemmen li l-investment fl-iżvilupp u t-tiġh tal-ħliet tal-STI mhumiex biss mezz ta' azzjoni dwar ideat innovattivi li jistgħu jinbidlu fi prodotti u f'servizzi li għandhom jiġu mnedija fuq is-suq, iżda bħala mezz ta' tweġiba għal numru ta' problemi u sfidi li qed jiffaċċja l-bniedem;
7. Jinsisti li l-innovazzjoni għandha tkun element ewlieni tal-politika pubblika f'oqsma bħall-ambjent, l-ilma, l-enerġija, it-trasport, it-telekomunikazzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni; jisħaq dwar il-ħtieġa għall-promozzjoni wiesa' tat-tqassim u l-assorbiment tal-innovazzjoni globali fis-settur pubbliku, f'intrapriżi privati u speċjalment l-SMEs;
8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissupplimenta r-riżorsi tal-Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE biex tkun żgurata l-implimentazzjoni sostenibbli tal-Infrastrutturi ta' Riċerka Bioloġiċi u tax-Xjenzi Mediċi bħala servizz pubbliku tar-Riċerka u l-Iżvilupp, orjentati lejn kwalità ta' ħajja aħjar taċ-ċittadini, li hu mod kif soċjetà bbażata fuq l-għarfien titmexxa 'l quddiem u tkun tista' taffronta l-isfidi tas-soċjetà fl-Ewropa;
9. Iqis li enfasi akbar fuq il-politika tal-innovazzjoni tirrappreżenta opportunità għall-immodernizzar u t-tiġh tas-servizzi pubbliċi kemm fl-oqsma eżistenti kif ukoll f'dawk emerġenti, f'firxa sħiħa ta' oqsma tal-ħajja ekonomika u soċjali, biex b'hekk jissaħħu l-kwalità u l-effikaċja, il-ħolqien tal-impjiegi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
10. Ifakkar li f'oqsma, inkluż dawk bħall-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sigurtà tal-ikel, l-istituzzjonijiet pubbliċi għar-Riċerka u l-Iżvilupp għandhom rwol uniku fl-għajjnuna tad-definizzjoni tal-politiki tas-settur pubbliku fil-valutazzjoni, l-imminizzar u l-ġestjoni ta' riskji pubbliċi, u fiċ-ċertifikazzjoni, l-istandardizzazzjoni u r-regolamentazzjoni, fost xogħolijiet oħrajn ta' importanza ewlenija li għandhom jiġu rikonoxxuti u salvagwardjati;
11. Jinnota l-konklużjonijiet tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni tal-2009 dwar l-effetti sproporzjonali li l-kriżi ekonomika u finanzjarja qed ikollha f'pajjiżi u f'reġjuni differenti, li qegħdin jimminaw l-għan ta' konverġenza; jinsab imħasseb li r-restrizzjonijiet baġitarji attwali imposti fuq l-Istati Membri jistgħu jwasslu għal restrizzjonijiet akbar fuq l-investment fl-STI, b'effetti potenzjalment ta' ħsara; jaqbel li l-inizjattiva dwar l-"Unjoni tal-Innovazzjoni" għandha tinkludi l-Istati Membri u r-reġjuni kollha u li dan hu essenzjali biex jiġi evitat l-ħolqien ta' "diskrepanza tal-innovazzjoni" bejn pajjiżi u reġjuni b'innovazzjoni akbar jew onqos;
12. Iqis li l-koordinament aktar mill-qrib tal-isforzi fl-STI m'għandux jimplika diżinvestment jew nuqqas ta' investment fir-rigward tal-ħila xjentifika ta' ċerti Stati Membri u reġjuni, bi ħsara għal oħrajn; jemmen li minflok, din għandha tfisser investment fl-iżvilupp ta' bażi tal-STI soda u konsistenti f'pajjiżi u f'reġjuni differenti, skont il-karatteristiċi u l-livelli ta'

żvilupp tagħhom, bil-għan li tingħata promozzjoni lis-sinerġiji ta' benefiċċju u ta' kooperazzjoni utli;

13. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-Fondi Strutturali fil-promozzjoni tal-investment fl-STI; jemmen li l-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandhom rwol ewlieni, fit-taħriġ u t-trażmissjoni ta' ħiliet ta' ħaddiema fl-oqsma tal-innovazzjoni u tal-finanzjament ta' strateġiji reġjonali tal-innovazzjoni li x'aktarx jimpattaw b'mod pożittiv f'termini ta' politika territorjali, titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien, tal-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali u l-benesseri u l-preservazzjoni tal-ambjent; jisħaq l-ħtieġa li tissaħħaħ il-politika ta' koeżjoni u l-għanijiet tagħha, bl-innovazzjoni titqies bħala wieħed mill-fisien tal-qafas tal-Kwadru Finanzjarju wara l-2013;
14. Jenfasizza l-bżonn li jkun issimplifikat l-aċċess għall-programmi tal-UE, ikunu kkoordinati aħjar u jissaħħaħ l-effett tal-injezzjoni tal-investment fuq l-investment tas-settur privat. jenfasizza li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ biex ikunu żviluppati l-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa;
15. Jilqa' l-“Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropea” maħsuba biex iżidu u jikkoordinaw l-investimenti fir-Riċerka u l-Iżvilupp kif ukoll biex l-akkwist pubbliku jkun ikkoordinat aħjar biex titħaffef l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet fis-suq. jenfasizza madankollu li l-politiki ta' akkwist ma għandhomx jiffasslu biex jieħdu post is-swieq privati jew biex joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni iżda biex jiffaċilitawhom, jistimulaw id-diffużjoni tal-innovazzjoni, waqt li l-swieq jinżammu liberi li jimxu f'direzzjonijiet ġodda;
16. Jenfasizza li l-innovazzjoni kif ukoll ir-Riċerka u l-Iżvilupp għandhom jiġu ffinanzjati primarjament mill-kapital privat. jilqa' l-miżuri mħabbra mill-Kummissjoni biex jitjieb is-suq għall-kapital ta' riskju;
17. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tiżviluppa strumenti finanzjarji sabiex tattira żieda qawwija ta' investment privat fir-riċerka u l-innovazzjoni sal-2014. jilqa' l-kollaborazzjoni proposta mal-Bank Ewropew għall-Investment, mal-intermedjarji finanzjarji nazzjonali u mal-investituri privati għall-iżvilupp ta' proposti li jindirizzaw in-nuqqasijiet kritiċi tas-suq, inkluż il-kapital ta' riskju għal impriżi li qed jikbru b'pass mgħaġġel, il-finanzjament bir-riskju maqsum għall-investimenti fil-proġetti ta' Riċerka u l-Iżvilupp, u s-self għal SMEs innovattivi li qed jikbru b'pass mgħaġġel;
18. Jenfasizza l-bżonn li jitneħħa x-xkiel li fadal għall-impriżi innovattivi u dinamiċi bħal aċċess aħjar għal finanzjament bikri tar-riskju, partikolarment għall-SMEs. jirrikonoxxi li Suq Intern operattiv huwa l-aktar stimolu importanti għall-innovazzjoni tal-UE;
19. Jisħaq li l-eżistenza ta' sistemi tal-STI sodi u effettivi ma tistax tiġi separata mill-preżenza fl-Istati Membri kollha ta' sistemi ta' edukazzjoni pubblika ta' kwalità għolja u inklussivi li kapaċi jippromwovu l-aċċess għal kulħadd fuq bażi non-diskriminatorja għall-ogħla livelli edukattivi; jippromwovi attenzjoni speċjali fl-oqsma tax-xjenza u tal-inġinerija, l-ambjent u s-saħħa; jenfasizza li f'xi uħud minn dawk l-oqsma u f'xi Stati Membri, snin ta' diżinvestment jew nuqqas ta' investment wasslu għal nuqqas qawwi ta' persunal speċjalizzat, inkluż tekniċi u riċerkaturi, u għall-bżonn ta' bdil f'din it-tendenza;

20. Iqis li l-avvanz tal-għarfien u l-applikazzjonijiet multipli tiegħu ma jeliminawx il-ħtieġa għal valutazzjoni aktar miftuħa u parteċipatorja dwar l-implikazzjonijiet etiċi, soċjali u politiċi ta' dawk l-applikazzjonijiet; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' promozzjoni u ta' tixrid ta' kultura xjentifika fost il-pubbliku ġenerali;
21. Iqis li għandhom jittieħdu passi li jappoġġaw inizjattivi maħsuba għall-promozzjoni tad-djalogu xjentifiku u t-tixrid tar-riżultati mal-akbar ammont ta' nies possibbli, kif ukoll mal-komunità xjentifika, li jżidu r-rwol tas-soċjetà ċivili fir-riċerka;
22. Jemmen li l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku u tal-innovazzjoni jeħtieġ li jitqiesu fid-definizzjoni tal-politiki tal-iżvilupp tal-għajjnuna u ta' kooperazzjoni; jisħaq li flimkien mal-esportazzjoni sempliċi tat-teknoloġija, l-UE sejra teħtieġ tiżviluppa forom ta' kooperazzjoni reali li jippromwovu l-inklużjoni tal-għarfien u l-għoti tas-setgħa lokali u t-tiżiħ u l-konsolidazzjoni, bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi speċifiċi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.
23. Jenfasizza li approċċ koordinat fil-livell Ewropew jista' jkun raġjonevoli jekk tkun tista' tiġi verifikata permezz ta' valutazzjoni tal-impatt, l-eżistenza ta' ekonomiji ta' skala u ta' firxa kif ukoll tal-valur miżjud tal-UE. jenfasizza l-ħtieġa għal koordinament aktar ċar u aktar effettiv bejn l-Istati Membri u l-politiki tal-UE fir-rigward tal-proċessi ta' Riċerka u l-Iżvilupp biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u sovrapożizzjoni li tiswa l-flus, u għalhekk jappoġġja l-miżuri għat-tneħħija tal-ostakoli għall-mobilità u għall-attivitajiet ta' riċerka transkonfinali;
24. Jenfasizza l-bżonn li jiġu żviluppati indikaturi li jirreġistraw il-progress fil-qasam tal-politika tal-innovazzjoni u jippermettu valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-miżuri ta' politika fis-seħħ, fuq il-mudell tal-qafas ta' valutazzjoni tal-Union għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. jilqa' l-proposta li jiġi sorveljat il-progress ta' innovazzjoni fl-Istati Membri fil-qafas tas-“Semestru Ewropew”;
25. Iqis li n-nuqqas ta' privattiv tal-UE hu "taxxa fuq l-innovazzjoni", li jfikkell l-innovaturi żgħażaġħ aspiranti fit-tiftix tagħhom għal sħab biex jiżviluppaw, jiffinanzjaw, jiproduċu u jbiegħu l-innovazzjonijiet tagħhom. jenfasizza li reġim ta' privattiv tal-UE uniku jippermetti li l-applikazzjonijiet għall-privattivi jkunu mħaffa u irħas għall-kumpaniji b'ideat innovattivi u jiffaċilita s-soluzzjoni tat-tilwim, li jippermetti li l-Ewropa tikkompeti bis-serjetà fis-suq globali; għalhekk iħeġġeġ it-tiżiħ tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam, u jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jingħaqdu f'dan it-tip ta' sforzi;
26. Jenfasizza li l-istandards ta' interoperabilità jistgħu jikkontribwixxu pożittivament għat- tkabbir u l-kompetizzjoni, speċjalment meta dawn jiġu assimilati mis-suq u mhux imposti fuqu. għalhekk iqis li regolament “intelliġenti” fil-forma ta' standards jista' jkun ta' xprun għall-innovazzjoni, jekk regolamenti u standards ikunu proporzjonati, ma jkollux iżjed problemi fil-futur u jkun "teknoloġikament newtrali", u jtfassal b'tali mod li jstimola innovazzjoni addizzjonali;
27. Jenfasizza li f'xi setturi, bħal dak tas-saħħa, ir-riżultati tar-riċerka wasslu għall-innovazzjoni kull darba li x-xjenza ppermettiet, u għalhekk iqis li l-pessimiżmu tal-Kummissjoni fir-rigward tal-innovazzjoni f'ħafna każijiet mhuwiex ġustifikat;

28. Meta jitqies li l-innovazzjoni normalment marbuta mill-qrib mas-suq u tiżviluppa permezz ta' kanali mhux formali, jemmen li l-UE għandha tirfina l-metodi ta' valutazzjoni tagħha biex jirriflettu l-fatt li l-istess kriterji ma jistgħux jintużaw biex jiġu valutati l-oqsma kollha;
29. Jiddispjaċih li l-protokoll tal-innovazzjoni huma soġġetti għal proċessi ta' approvazzjoni burokratiċi twal li jrażżnu l-innovazzjoni, jillimitaw il-kompetittività tas-suq tal-UE u jwaqqfu l-iżvilupp tat-tagħrif xjentifiku fil-komunità medika li jwasslu għal dewmien tal-benefiċċji għall-pazjenti;
30. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiddefinixxu u jimplementaw oqsfa ta' politika mmirati li jstimolaw l-aċċess rapidu tal-innovazzjonijiet ta' valur għall-utenti fl-UE, u li jiżguraw li innovazzjoni ġodda jkunu jistgħu jilħqu l-utenti aħħarija tagħhom fi żmien raġjonevoli;
31. Jenfasizza l-importanza li tingħata prijorità lir-reviżjoni tad-direttiva dwar il-provi kliniċi fi djalogu mar-riċerkaturi, bil-għan li jiġi żgurat qafas regolatorju mtejjeb għall-iżvilupp ta' prodotti mediċinali u jitqabblu kuri alternattivi ma' prodotti mediċinali fir-riċerka klinika (kif iddikjarat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Innovazzjoni u s-Solidarjetà fil-Farmaċewtiċi adottat fi Brussell, fis-6 ta' Diċembru 2010);
32. Jenfasizza l-importanza kbira li jintuża għarfien ġdid biex jinħolqu modi ġodda u aħjar li jipprevjenu, isibu, u jfejqu l-kanċer u li jiġu promossi mekkaniżmi rapidi li jagħmlu dawn l-iskoperti disponibbli għall-pazjenti;
33. Ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex issegwi r-rakkomandazzjoni tal-Valutazzjoni Interim tas-Seba' Programm ta' Qafas (Grupp ta' Esperti) meta titlob li jitqies moratorju fuq l-istrumenti ġodda sakemm daww eżistenti jkunu ġew żviluppati biżżejjed u valutati adegwatament, u għandha tingħata attenzjoni biex tkun evitata l-proliferazzjoni ta' strumenti li tista' toħloq konfużjoni;
34. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tippreżenta lill-Parlament Ewropew evalwazzjoni esterna dwar l-istrumenti ta' innovazzjoni maħluqa fis-Seba' Programm Qafas, pjattaformi, u JETIs meta l-valutazzjoni għandha tinkludi l-attivitajiet, is-sejthiet, il-proġetti ta' innovazzjoni u rieżultati (jekk jeżistu) kif ukoll il-kontribut ekonomiku minn fondi pubbliċi u privati;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	16.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 47 -: 0 0: 8
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	János Áder, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Pilar Ayuso, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Martin Callanan, Nessa Childers, Chris Davies, Bairbre de Brún, Bas Eickhout, Edite Estrela, Elisabetta Gardini, Julie Girling, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Kläß, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Sirpa Pietikäinen, Pavel Poc, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Daciana Octavia Sârbu, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Salvatore Tatarella, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	João Ferreira, Christofer Fjellner, Jutta Haug, Miroslav Mikolášik, Bill Newton Dunn, Bart Staes, Eleni Theocharous, Marita Ulvskog, Anna Záborská

17.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni: inbiddu l-Ewropa għad-dinja wara l-kriżi
(2010/2245(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Inese Vaidere

SUĖĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal riżoluzzjoni:

1. Jirrimarka li l-internazzjonalizzazzjoni u l-innovazzjoni huma ewlenin għall-kompetittività esterna u għat-tkabbir u huma kruċjali għall-oġġettivi strateġiċi tal-UE 2020;
2. Jenfasizza l-importanza tat-teknoloġiji rinovabbli u effiċjenti mil-lati tal-klima u tal-enerġija fil-bidla favur ekonomija globali sostenibbli; jirrikonoxxi l-pożizzjoni ta' tmexxija li għandha l-UE f'ħafna setturi ewlenin rigward il-produzzjoni industrijali li jiffavorixxu l-klima u b'użu effiċjenti tar-riżorsi; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi strateġiji fuq l-internazzjonalizzazzjoni u l-innovazzjoni f'dawn is-setturi;
3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-politika tal-kummerċ u tal-innovazzjoni tal-UE tinbidel f'mezz reali li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi, għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli globali; jemmen bis-sħiħ li l-konsistenza bejn l-aspetti interni u esterni tal-politiki tal-UE huma indispensabbli u li l-iffurmar ta' politika ġdida dwar il-kummerċ trid tkun konsistenti ma' politika b'saħħitha dwar l-industrija u l-innovazzjoni li toħloq l-impjiegi, biex tiżgura t-tkabbir ekonomiku u finalment tiġġenera tkattir u titjib tal-impjiegi;
4. Jemmen li, biex niżviluppaw politika kummerċjali kompetittiva, huwa essenzjali li sal-2020 nilħqu l-oġġettiv li ninvestu 3% tal-PGD tal-UE fl-attivitajiet tar-Riċerka u Żvilupp;
5. Jirrimarka li l-istandardizzazzjoni tista' żżid l-innovazzjoni u l-kompetittività billi tiffaċilita l-aċċess għas-swieq u billi tippermetti l-interoperabilità; iħeġġeġ lill-

Kummissjoni biex tagħmel aktar ħalli tippromwovi l-inklużjoni tal-istandards Ewropej, l-aktar fl-oqsma soċjali u ambjentali, fil-ftehimiet futuri rigward il-kummerċ ħieles;

6. Jenfasizza għalhekk li l-istrateġiji kollha marbuta mat-trasformazzjoni tal-Ewropa għal dinja wara l-kriżi għandhom ikunu ggwidata mill-ħolqien tal-impjiegi sostenibbli;
7. Iqis li, fil-politiki tal-UE dwar l-innovazzjoni, għandu jingħata attenzjoni partikolari s-sostenn lill-kumpaniji ġodda u ekonomiji tal-iskala fi ħdan produzzjoni u teknoloġiji eko-kompatibbli, li jiffrankaw l-enerġija u li għandhom konsum baxx ta' karbonju, lill-ħarsien tal-proprjetà intellettuali bi prezzijiet raġonevoli, lit-titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, li dawn tal-aħħar ikunu attivi internazzjonalment, lil-liberalizzazzjoni tas-swieq protetti, lill-istabbilizzazzjoni tar-rati tal-kambju, lill-promozzjoni tal-protezzjoni ġuridika tal-kumpaniji tal-UE barra l-kontinent u lill-ġlieda kontra l-kompetizzjoni inġusta, il-piraterija u l-falsifikazzjoni;
8. Jemmen li politika effiċjenti ta' innovazzjoni u ta' tkabbir trid bilfors tinvesti fi programmi ta' riċerka li jiffaċilitaw il-mobilità u l-iskambji bejn ir-riċerkaturi fuq livell internazzjonali u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn id-dinja tax-xjenza u dik kummerċjali (Azzjonijiet Marie Curie);
9. Jirrimarka li l-isfidi soċjali jibqgħu fokus importanti tal-Unjoni tal-Innovazzjoni; jenfasizza li l-oġettiv ċentrali tagħha għandu jkun l-iżvilupp fit-tul u l-kompetittività tal-UE;
10. Jirrimarka li għandna nevitaw li nirrestrinġu l-prijoritizzazzjoni tal-innovazzjonijiet għal oqsma limitati, sabiex fit-tul ma nitilfux potenzjal innovattiv ta' valur;
11. Iqis is-swieq tal-akkwist pubbliku tal-UE bħala fattur importanti għall-introduzzjoni fuq skala kbira ta' prodotti u servizzi ġodda eko-kompatibbli; jiddispijaċih li s-sħab internazzjonali tagħna ma fetħux is-swieq interni tagħhom tal-akkwist pubbliku għall-kumpaniji tal-UE bl-istess mod li s-suq intern tal-UE nfetaħ għall-intrapriżi ta' pajjiżi terzi;
12. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikulari lill-ostakoli mhux relatati mat-tariffi, li, minħabba li t-tariffi qegħdin gradwalment jitnaqqsu jew jitneħħew, għandhom it-tendenza li jsiru l-ostakoli ewlenin għall-kummerċ internazzjonali; iqis bħala mhux ġustifikati l-ostakoli kollha li jirriżultaw mill-implimentazzjoni inkonsistenti ta' regoli kummerċjali bilaterali u multilaterali; iqis bħala ġustifikati, min-naħa l-oħra, l-ostakoli kollha li jirriżultaw minn attivitajiet leġittimi leġiżlattivi u amministrattivi minn awtoritajiet pubbliċi li joriġinaw minn oqsma mhux kummerċjali imma li għandhom konsegwenzi mhux intenzjonati fuq il-kummerċ, li t-tneħħija tagħhom għandha tkun suġġetta għall-konsultazzjoni u d-deliberazzjoni pubblika;
13. Iħeġġeġ is-simplifikazzjoni tal-politiki kollha dwar l-innovazzjoni min-naħa tal-SMEs u l-ħolqien ta' kumpaniji ġodda; jappoġġja l-ħolqien ta' servizz Ewropew li jiffaċilita s-Sħubijiet tal-Innovazzjoni; iqis bħala kruċjali l-appoġġ politiku u ż-żieda fl-appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, l-aktar għal attivitajiet ta' netwerking fost l-SMEs li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fl-Iżvilupp u r-Riċerka, il-kummerċjalizzazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni fi ħdan gruppi settorjali;

14. Jirrimarka li għandhom jiġu adottati il-privattiv uniku Ewropew u l-Istatut tal-Kumpanija Ewropea sabiex jippromwovu t-tranżizzjoni għal kummerċ barra mis-suq Komunitarju; jenfasizza l-bżonn ta' tnaqqis fl-ispejjeż ta' privattiv tal-UE u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, fid-dawl tad-differenzi ekonomiċi eżistenti fl-Istati Membri tal-UE, sabiex dawn ikunu iktar kompetittivi meta mqabbla mal-prezzijiet fl-Istati Uniti u fil-Ġappun;
15. Jirrikonoxxi li t-trasferiment tat-teknoloġija fl-interess tal-iżvilupp u rigward l-ilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju jeħtieġ ikun aspett importanti fil-politika kummerċjali Ewropea, imma jirrikonoxxi li t-trasferiment tal-għarfien dwar it-teknoloġija ta' livell għoli tal-UE lil pajjiżi terzi għandha tissorveljah il-Kummissjoni biex tikseb informazzjoni aħjar fuq il-forom tal-innovazzjoni u l-żviluppi futuri, u biex tevita il-kompetizzjoni inġusta;
16. Jirrikonoxxi li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-isforzi lejn effiċjenza tal-enerġija u d-dematerjalizzazzjoni tal-produzzjoni industrijali teħtieġ politika attiva fuq id-disseminazzjoni globali ta' teknoloġiji ġodda.

RIŻULTAT FINALI TAL-VOTAZZJONI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	16.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikiene, Kader Arif, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Christofer Fjellner, Metin Kazak, Bernd Lange, David Martin, Emilio Menéndez del Valle, Vital Moreira, Cristiana Muscardini, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Tokia Saïfi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Keith Taylor, Iuliu Winkler, Pablo Zalba Bidegain, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Bearder, George Sabin Cutaş, Syed Kamall, Elisabeth Köstinger, Miloslav Ransdorf, Michael Theurer, Inese Vaidere, Jarosław Leszek Wałęsa

23.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar Unjoni tal-Innovazzjoni: Inbiddlu l-Ewropa għad-dinja wara l-kriżi
(2010/2245(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Danuta Maria Hübner

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-innovazzjoni tista' tiġi indirizzata bl-aktar mod effikaċi fil-livell reġjonali, fejn il-viċinanza fiżika tippromwovi s-sħubija bejn l-atturi differenti bħall-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, kumpaniji kbar, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, b'mod partikulari fi ħdan raggruppamenti; jinnota li l-industrija l-iktar dinamiċi mill-aspett teknoloġiku mhux bilfors jinsabu ġewwa jew qrib bliet kapitali iżda fil-viċinanzi tal-universitajiet l-iktar innovattivi;
2. Jindika li l-interventi mmirati għall-innovazzjoni għandhom jiformaw parti minn strateġiji reġjonali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti; jinnota li l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jistgħu jiżguraw użu aktar effiċjenti u effikaċi tal-fondi pubbliċi u jsaħħu l-investment privat fil-livell reġjonali;
3. Jistieden lir-reġjuni kollha jinvestu fl-innovazzjoni u jaġġustaw l-istrateġiji għall-innovazzjoni tagħhom biex iżidu l-effiċjenza tagħhom, itejbu l-kapital uman tagħhom u jsaħħu l-kapaċità u r-rieda tal-impriżi tagħhom li jkunu innovattivi u kompetittivi fuq livell internazzjonali;
4. Jindika li dawk li huma responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell reġjonali għandhom ikunu kompletament konxji dwar il-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni joffru fir-reġjuni kollha, peress li l-biċċa l-kbira tal-innovazzjonijiet jinħolqu fil-livell tal-interfaċċja Prattika (innovazzjonijiet ibbażati fuq id-

domanda u fuq l-utent) u fil-biċċa l-kbira tagħhom huma ffinanzjati mill-FEŻR; jinnota għalhekk li, sal-punt li l-attivitajiet ta' innovazzjoni mhux bilfors jew prinċipalment jirrikjedu l-eżistenza ta' stabbilimenti ta' edukazzjoni oġhla, anke dawk ir-reġjuni mingħajr universitajiet u ċentri ta' riċerka għandhom ikunu kapaċi jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' innovazzjoni proprji u jisiltu l-benefiċċju massimu mir-riżorsi u mill-beni reġjonali u lokali f'termini ta' potenzjal għall-innovazzjoni;

5. Jinnota li t-trawwim tal-innovazzjoni fil-livell reġjonali jista' jgħin sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi reġjonali; minkejja dan, jinkuraġġixxi l-livelli differenti (reġjonali, nazzjonali u tal-UE) biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom b'mod aktar effikaċi bħala parti mill-ippjanar tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp madwar l-Ewropa;
6. Jindika li l-innovazzjoni – kemm fit-tfassil tal-politika u fl-attivitajiet tan-negozji u taċ-ċentri ta' riċerka – hija ta' importanza fundamentali biex tingħata sostanza lill-politika ta' koeżjoni territorjali tal-UE u li, minħabba n-natura proprja tagħha, tista' tagħti kontribut deċiżiv biex jintlaħqu l-oġettivi ta' koeżjoni u biex jingħelbu l-ostakoli għal din il-koeżjoni fiż-żoni b'karatteristiki ġeografiċi u demografiċi speċifiċi;
7. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-ħiliet kummerċjali taż-żgħażaġh Ewropej billi jadottaw pjanijiet nazzjonali speċjali sabiex il-perspettiva tal-innovazzjoni tiġi integrata fis-setturi edukattivi kollha u fil-livelli kollha; jindika li l-aħjar mod biex jiġu implimentati dawn il-pjanijiet u biex tingħata spinta lill-innovazzjoni fl-Ewropa huwa permezz ta' koperazzjoni mill-qrib bejn is-setturi pubbliċi u privati;
8. Hu tal-fehma li, peress li l-innovazzjoni hija kunċett kumpless, għandhom jissaħħu l-isforzi ta' innovazzjoni mhux teknoloġika, u li, f'dan il-kuntest, għandhom jitferrxu l-aħjar Prattiki rigward dan it-tip ta' innovazzjoni, u għandhom jiġu speċifikati r-regoli l-kundizzjonijiet dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE abbażi ta' approċċ miftuħ u li jinkludi kollox;
9. Jiġbed l-attenzjoni għall-kontribut li d-diversità kulturali tagħti lill-innovazzjoni; jikkunsidra, f'dan ir-rigward, li l-azzjoni biex tiġi ssalvagwardjata u promossa d-diversità kulturali reġjonali għandha tingħata rwol prominenti fil-politika ta' innovazzjoni;
10. Jisħaq fuq il-fatt li sabiex jiżdied il-potenzjal tal-innovazzjoni tar-reġjuni Ewropej, hemm bżonn ta' koordinament u sinerġija bejn il-politiki ta' koeżjoni, ta' riċerka u tal-innovazzjoni, kif ukoll bejn id-diversi strumenti tagħhompolitiki, fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom; jefnasizza f'dan il-kuntest il-ħtieġa li jitfittxew strumenti biex jeliminaw l-ostakoli għal dawn is-sinerġiji, jitneħħa x-xkiel bejn il-programmi u jesploraw il-possibilitajiet ta' semplifikazzjoni ulterjuri, b'mod partikulari billi jiġu armonizzati r-regoli dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti ta' politika, l-ivverifikar tagħhom u l-eliġibilità tal-ispejjeż; jemmen li hemm bżonn li l-proċeduri għall-użu tal-fondi tal-UE jkomplu jiġu ssemplifikati, bil-għan li tiġi żgurata l-flessibilità tagħhom u li titnaqqas il-burokrazija żejda għar-riċerkaturi u għall-innovaturi, biex b'hekk ikunu jistgħu jiddedikaw aktar ħin għal xogħolhom;
11. Jisħaq fuq ir-rwol fundamentali tar-reġjuni fit-tfassil tal-politiki biex jistimulaw l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali; jindika, madankollu, li, f'ħafna Stati Membri, il-baġits reġjonali u lokali mhumiex biżżejjed u l-baġits nazzjonali għall-innovazzjoni huma baxxi;

12. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati 'innovaturi reqdin', b'mod partikulari fost l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; jindika r-rwol importanti li jiżvolġu l-organizzazzjonijiet intermedji fl-identifikazzjoni tal-innovaturi reqdin, fil-forniment ta' inċentivi, fl-ġħoti ta' pariri u fl-appoġġ għall-innovazzjoni; hu tal-fehma li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jissaħħu u li għandu jiġi żviluppat għalihom programm immirat lejn it-titjib tat-taħriġ, tal-kwalifiki u tal-ġħarfien espert, u li fil-ġejjieni għandha tikber l-importanza ta' mudelli għal korsijiet ta' taħriġ bi skop doppju għal żewġ professjonijiet;
13. Jenfasizza l-importanza tal-kapital uman fl-innovazzjoni; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għar-rwol tal-FSE fit-tagħlim ta' tul il-ħajja għall-ħaddiema;
14. Hu tal-fehma li approċċ ta' governanza fuq diversi livelli li jiffunzjona sewwa huwa prekundizzjoni biex jiġu stabbiliti u implimentati b'suċċess l-oġġettivi tal-politika ta' innovazzjoni; jindika, f'dan ir-rigward, li l-politika reġjonali għandha metodoloġija kkonsolidata għall-approċċ integrat u ttiprovdi sistema ta' governanza maħduma sewwa kapaċi li tqanqal l-investment lokali;
15. Jikkunsidra li hemm bżonn li d-dimensjoni tal-innovazzjoni tkun integrata b'mod xieraq fil-programmi kollha ta' finanzjament tal-UE, inkluż il-Fond ta' Koeżjoni, biex b'hekk jiġi żgurat livell sostanzjali ta' finanzjament li jkun jikkorrispondi mal-ħtiġijiet tal-partijiet interessati kollha fil-kamp tal-innovazzjoni;
16. Jenfasizza l-ħtieġa għat-tiħiħ tar-rabtiet bejn l-istrumenti baġitarji tal-UE u l-finanzjament tal-BEI; jirrikonoxxi l-potenzjal ta' lieva tal-investment ta' dawn is-sorsi ta' finanzjament u jitlob li dawn jissaħħu, speċjalment fir-rigward ta' Jeremie u Jessica; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati strumenti ta' finanzjament indirizzati għaċ-ċirkustanzi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-iżġħar kumpaniji u li l-proċeduri biex wieħed jikseb aċċess għall-finanzjament jiġu ssemplifikati konsiderevolment;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra programmi ffinanzjati minn fondi differenti għall-Istati Membri u r-reġjuni li jixtiequ jużawhom; jikkunsidra li dan jikkontribwixxi għall-ħidma b'mod iktar integrat u flessibbli u jżid l-effikaċja tal-interazzjoni bejn id-diversi fondi (il-Fondi Strutturali u l-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp);
18. Jenfasizza l-importanza li ssir differenza bejn l-innovazzjoni u r-riċerka; jindika li l-innovazzjoni hija proċess soċjoekonomiku trasversali kumpless, li jinvolvi sforzi biex jiżdiedu n-nefqa fir-riċerka u l-iżvilupp, u l-appoġġ għall-SMEs u għall-attivitajiet ta' teknoloġija avanzata u li jiffoka fuq l-iżvilupp ta' sistemi integrati bbażati fuq il-karatteristiki u l-ispeċifiċitajiet tat-territorji differenti;
19. Jemmen li l-politika ta' innovazzjoni jeħtieġ tkun relatata mal-politiki għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għas-suq tax-xoġħol; huwa favur sforzi biex iċ-ċittadini u l-ħaddiema jitqanqlu biex jappoġġaw il-proċessi ta' bidla, permezz tal-inkwadrar u l-implimentazzjoni ta' strateġiji politiċi inklużivi għall-innovazzjoni, bil-għan li jitħaffef l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi innovattivi u li titwitta t-triq għal aktar impjegi u tkabbir;

20. Jilqa' l-proposta ta' tnedija tas-Sħubijiet Ewropej għal Innovazzjoni bħala għodda li tgħaqqad lill-partijiet interessati bejn politiki, setturi u frontieri differenti biex titħaffef l-innovazzjoni sabiex jiġu affrontati l-isfidi soċjetali ewlenin; jinnota li s-sħubijiet u l-istrumenti tal-politika reġjonali li jindirizzaw dawn l-isfidi, b'referenza partikulari għar-raggruppamenti Ewropej ta' koperazzjoni territorjali, għandhom jiġu allinjati aħjar u jsir tabilħaqq aċċessibbli għad-diversi reġjuni, u li s-sħubijiet għandhom jikkapitalizzaw fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-inizjattivi nazzjonali u reġjonali eżistenti b'karatteristiki simili; jitlob, għal dan il-għan, koperazzjoni aktar mill-qrib bejn ir-reġjuni, speċjalment permezz tal-programmi li jinvolvu skambji, inizjattivi ta' taħriġ u l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki; jitlob biex jittejjeb l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għall-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni;
21. Jikkunsidra li għandha tingħata prijorità biex jithegġegħ l-iżvilupp fil-livell reġjonali ta' kultura ta' innovazzjoni, kemm fost l-imprendituri, iż-żgħażaġh li jkun qed iwettqu taħriġ vokazzjonali u l-ħaddiema, kif ukoll fost is-sħab li jkollhom influwenza fuq l-attivitajiet kummerċjali, bħal dawk responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell pubbliku reġjonali, iċ-ċentri ta' riċerka, ir-raggruppamenti kummerċjali u l-entitajiet ta' finanzjament, li sikwit ma jkunux konxji biżżejjed tal-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-kumpaniji fir-reġjun tagħhom, b'mod partikulari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (inklużi l-mikroimpriżi u d-ditti artiġjanali);
22. Jisħaq fuq il-fatt li l-potenzjal innovattiv sħiħ tar-reġjuni tal-UE għandu jitqanqal sabiex jintlaħaq l-oġettiv Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u jindika li l-politika reġjonali futura għandha titratta din l-isfida bħala prijorità ewlenija. jemmaen li din il-prijoritizzazzjoni tapplika għall-oġettivi kollha tal-politika reġjonali, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurata li l-kompetittività tal-Ewropa tkun garantita minn standards dinjijin; jitlob li l-industrija tiġi involuta fl-eko-innovazzjoni, billi l-imprendituri għandhom rwol importanti ħafna fit-tixrid tal-eko-innovazzjoni b'mod aktar estensiv fil-livell reġjonali; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-informazzjoni għall-imprendituri – billi jintwerew opportunitajiet kummerċjali ġodda – se tkun kruċjali għas-suċċess ta' strateġija mmirata għall-iżvilupp ta' ekonomiji b'użu effiċjenti tar-riżorsi u ta' industriji sostenibbli;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 41 - : 1 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Sophie Auconie, Victor Boşţinaru, Zuzana Brzobohatá, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Juozas Imbrasas, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Lambert van Nistelrooij, Franz Obermayr, Jan Olbrycht, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Michail Tremopoulos, Oldřich Vlasák, Joachim Zeller
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Andrea Cozzolino, Karima Delli, Jens Geier, Ivars Godmanis, Karin Kadenbach, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter, László Surján
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vladko Todorov Panayotov, Britta Reimers, Ivo Strejček

23.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni: Inbiddlu l-Ewropa għad-dinja wara l-kriżi (2010/2245(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Kyriacos Triantaphyllides

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li s-suq intern Ewropew jikkontribwixxi pożittivament għall-innovazzjoni u li l-progress lejn Unjoni tal-Innovazzjoni, appoġġat minn inizjattivi koordinati tal-Kummissjoni u impenn qawwi mill-Istati Membri se jiġġeneraw opportunitajiet aħjar għan-negozji – partikolarment għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju – u se jappoġġaw bis-saħħa, barra minn hekk, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni soċjali u se jgħibu tkabbir ekonomiku ġdid u sostenibbli, kif ukoll se jindirizzaw il-bżonnijiet soċjali taċ-ċittadini u l-konsumaturi tal-UE; jilqa' l-approċċ strateġiku wiesa' tal-Kummissjoni li jiffa' flimkien strumenti bbażati fuq it-talba u dawk ibbażati fuq il-provvista ma' strumenti orizzontali u settorali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tidħol fi djalogu miftuħ mal-atturi rilevanti;
2. Jisħaq fuq il-bżonn li jitjieb, jiġi stimulat u jkun żgurat il-finanzjament tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-UE; jisħaq b'mod partikolari fuq il-bżonn li l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u l-mikrointrapriżi jkollhom aċċess għal finanza li jifilħu għalihom billi jizjed il-kamp tal-parteċipazzjoni fi proġetti innovattivi differenti; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu eliminati l-ostakli għall-operazzjonijiet transkonfinali tal-fondi tal-kapital ta' riskju u jiġi ffaċilitat l-ejenkar ta' negozji innovattivi fil-boroż; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu passi xierqa biex ittejjeb il-funzjonament tal-programmi ta' finanzjament tal-UE billi tippremja lill-intrapriżi li jippromwovu proġetti innovattivi u billi tissimplifika l-proċeduri amministrattivi kumplessi; jiddispjaċih b'mod partikolari dwar in-nuqqas ta' fondi għal strumenti kruċjali għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp li diġà ġew adottati,

bħall-Pjan tat-Teknoloġija Enerġetika Strateġika (il-Pjan SET) u l-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (il-Programm CIP); ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-aċċess għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u għall-mikrointrapriżi li jadottaw approċċi innovattivi;

3. Hu favur ħafna pjan ta' azzjoni ta' ekoinnovazzjoni ċċentrat fuq l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u fuq il-mikrointrapriżi fir-reġjuni urbani kif ukoll f'dawk rurali u mbiegħda; jenfasizza li l-innovazzjoni fit-teknoloġija innovattiva tipprovdi opportunità biex titħaffef il-bidla lejn ekonomija iktar sostenibbli u tippromwovi l-ħolqien tal-l-impjiegi, u li standards għoljin soċjali, ambjentali u ta' protezzjoni tal-konsumatur se jinkoraġġixxu l-intrapriżi, kif ukoll lis-settur pubbliku, biex jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra dan t'hawn fuq fit-tnejn tal-verzjoni finali tal-Att dwar is-Suq Uniku;
4. Jenfasizza l-importanza li titħaffef is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-applikazzjoni għall-appoġġ mill-programmi ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-UE sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-intrapriżi fil-proġetti ffinanzjati mill-UE; jinnota li l-proċeduri simplifikati se jsaħħu l-kapaċitajiet tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju f'dak li għandu x'jaqsam mat-tfassil tal-proġetti u l-kitba tal-proposti, se jiżguraw l-użu effettiv u effiċenti tal-fondi pubbliċi u se jevitaw l-infiq tar-riżorsi f'regoli kumplessi, piżijiet amministrattivi u kontrolli mhux proporzjonati;
5. Jisħaq fuq ir-rwol tal-istandardizzazzjoni fl-iżvilupp ta' prodotti innovattivi; jemmen li l-inizjattiva mwiegħda tal-Kummissjoni li taċċellera u timmodernizza l-adozzjoni tal-istandards Ewropej, partikolarment l-aġġustamenti meħtieġa mid-dinamiċi speċjali tas-settur tat-teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni u aċċess imtejjeb għall-istandards għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, se jżidu l-innovazzjoni, filwaqt li jagħmluha possibbli għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju li jaċċessaw swieq ġodda;
6. Jenfasizza l-importanza ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament għall-intrapriżi innovattivi impenjati fir-riċerka u l-iżvilupp, b'mod partikolari għall-finanzjament ta' proġetti mmirati biex iġibu r-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp fis-suq b'kollaborazzjoni mal-universitajiet u ċ-ċentri akkademiċi; jappoġġa b'mod partikolari l-ħolqien ta' strumenti pan-Ewropej ta' kapital ta' riskju, li jġibu flimkien l-investiment pubbliku u dak privat, sabiex jinholq ambjent ta' finanzjament iktar effettiv għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju li jikbru malajr u huma innovattivi, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex taħdem mal-BEI, mal-FEI u ma' korpi ta' esperti mill-Istati Membri biex imexxu dan ix-xogħol 'l quddiem bħala prijorità;
7. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-isforzi tas-settur pubbliku biex jadotta approċċi innovattivi u biex inedu l-programm il-ġdid ta' riċerka dwar l-innovazzjoni fis-settur pubbliku, pereżempju fl-oqsma tal-gvern elettroniku, is-saħħa elettronika u l-akkwist elettroniku, u wkoll biex ixerrdu l-aħjar prassi fl-amministrazzjoni pubblika, ħaġa li tnaqqas il-burokrazija u tħaddan politiki ċċentrati fuq iċ-ċittadin; jenfasizza l-importanza tas-settur pubbliku fit-tiżiħ tal-fiduċja pubblika fis-suq diġitali intern;
8. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex

jinkoraġġixxu l-użu tal-akkwist elettroniku u speċjalment l-użu tal-akkwist prekommerċjali, inluż l-akkwist konġunt u elettroniku, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lill-osservanza tar-regoli tal-protezzjoni tad-data bħala parti integrali mill-istrategġja innovattiva tal-UE; jistieden b'mod partikolari lill-Kummissjoni, bħala parti mir-reviżjoni ġenerali tal-qafas legali għall-akkwist pubbliku, biex tiċċara u tissimplifika r-regoli rilevanti u tagħmilha possibbli għall-awtoritajiet kontraenti li jagħmlu użu iktar trasparenti tal-akkwist prekommerċjali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-inklużjoni trasparenti ta' kriterji soċjali, ambjentali, ta' kummerċ ġust u innovattivi li jkunu speċifikati u reali fl-akkwist pubbliku mingħajr ma jiġi pperikolat l-impett attiv tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju fil-proċess tat-tfassil ta' soluzzjonijiet ġodda u innovattivi u filwaqt li jiġu osservati r-regoli applikabbli tal-kompetizzjoni;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti leġislattivi meħtieġa għall-ħolqien ta' Suq Diġitali Uniku li jiffunzjona bis-sħiħ sal-2015, peress li dan se jtejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet qafas għall-innovazzjoni; jisħaq li l-inizjattivi għandhom ikunu ambizzjużi b'mod partikolari f'oqsma prinċipali bħad-dritt tal-awtur, il-kummerċ elettroniku, inkluża politika tal-konsumatur għall-kummerċ elettroniku, u l-użu tal-informazzjoni tas-settur pubbliku;
10. Japprova bis-saħħa l-programm tal-Kummissjoni Riċerka għall-Innovazzjoni tan-Negożji ż-Żgħar (SBIR) sabiex jiġu identifikati sfidi orjentati lejn it-teknoloġija tas-settur pubbliku u jiġu ffinanzjati proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp li jiżviluppaw soluzzjonijiet ġodda għal problemi kemm antiki kif ukoll emerġenti, u jistieden lill-Kummissjoni biex din tagħmilha bħala prijorità minn ta' quddiem nett;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ipoġġu t-tlestija tas-Suq Uniku, inklużi miżuri li jippromwovu s-Suq Diġitali Uniku, fil-qalba tal-politika ta' innovazzjoni, peress li din se tagħmel prezzijiet aħjar u iktar kwalità għall-konsumaturi, tappoġġa l-iżvilupp ta' prodotti innovattivi, tkattar il-ħolqien tal-impjiegi fl-UE u tiġġenera opportunitajiet ġodda ta' tkabbir fl-UE fis-swieq mexxejja;
12. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni tan-negożji, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-iżvilupp tal-privattiva tal-UE;
13. Jappoġġa r-rieda tal-Kummissjoni li tagħti l-ħajja lill-proprjetà intellettuali li nġhatat ftit attenzjoni; jemmen li mod wieħed kif dan jista' jinkiseb jista' jkun il-ħolqien ta' Fond Ewropew għall-Privattivi, li joħloq ġabriet ta' privattivi permezz ta' sistema ta' liċenzji għall-benefiċċju tal-intrapriżi Ewropej, speċjalment l-intrapriżi innovattivi ta' daqs żgħir u medju;
14. Jissottolinja l-importanza ta' privattiva Komunitarja li tiffunzjona tajjeb għall-ħolqien ta' suq intern għar-riċerka u l-innovazzjoni;
15. Jistieden lill-Istati Membri biex jimmodernizzaw is-sistemi edukattivi tagħhom, partikolarment fil-qasam xjentifiku; jinkoraġġixxi konsultazzjoni akbar u partenarjati iktar mill-qrib bejn in-negożji u l-universitajiet sabiex ikun żgurat li l-ħiliet miksuba matul l-istudji jikkorrispondu mill-qrib kemm jista' jkun mar-rekwiżiti tad-diversi setturi tal-

ekonomija; jenfasizza li hu importanti li titjiet l-attraenza tal-istituzzjonijiet Ewropej ta' edukazzjoni għola għar-riċerka u, għal dan l-iskop, jappoġġa l-idea li s-sistema ta' boroż ta' studju Ewropej 'Marie Curie' issir permanenti, peress li din għandha rwol importanti fl-inkoraġġiment tal-mobilità tar-riċerkaturi fl-Unjoni Ewropea;

16. Jiddispjaċih li l-professjonisti akkademiċi għadhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakli għall-moviment liberu tal-ħaddiema, bħal problemi bil-portabilità tal-pensjoni; jenfasizza l-bżonn li tiġi żviluppata sistema li tinkoraġġixxi b'mod attiv il-mobilità tar-riċerkaturi u tax-xjenzati bejn l-universitajiet u ċ-ċentri akkademiċi Ewropej; jissottolinja li din il-ħaġa tistimula t-tixrid tal-għarfien u tkun ta' benefiċċju kbir għall-innovazzjoni u għall-emerġenza ta' ekonomija Ewropea bbażata fuq l-għarfien;
17. Jemmen li l-innovazzjoni u l-kreattività huma elementi prinċipali għall-irkupru ekonomiku tal-Unjoni u li wieħed m'għandux jissottovaluta l-importanza tal-konverżjoni tal-innovazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni fi prodotti u servizzi ġodda;
18. Jiftakar li l-mira ta' 3% tal-PGD għar-riċerka u l-iżvilupp hija magħmula minn 2% (sehem privat) u 1% (sehem ta' nfiq pubbliku); jinnota li għad fadal nuqqasijiet partikulari fil-qasam tal-infiq għar-riċerka privata li jistgħu jintgħelbu biss billi l-ambjent regolatorju jiġi adattat għall-kumpaniji, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; jappoġġa b'mod partikolari l-ħidma tal-Kummissjoni biex tiżviluppa indikatur prinċipali ġdid ibbażat fuq ir-rendiment reali tal-innovazzjoni, peress li dan se jkun iktar informattiv mit-tkejjil tar-rendiment f'paragun mal-miri numeriċi;
19. Jinsisti fuq l-importanza li tinkiseb Żona Ewropea tar-Riċerka li tiffunzjona tajjeb sal-2014 billi tiġi stabbiliti struttura predominanti ta' governanza, li progressivament tallinja l-programmi nazzjonali, tintegra r-regoli amministrattivi u ttejjeb il-mobilità transkonfinali tar-riċerkaturi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Cristian Silviu Buşoi, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Iliana Ivanova, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Toine Manders, Gianni Pittella, Mitro Repo, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Matteo Salvini, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Kyriacos Triantaphyllides, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Abad, Simon Busuttil, Cornelis de Jong, Ashley Fox, Constance Le Grip, Pier Antonio Panzeri, Antonyia Parvanova, Sylvana Rapti, Amalia Sartori
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Gahler

23.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar Unjoni tal-Innovazzjoni: Inbiddlu l-Ewropa għad-dinja wara l-kriżi
(2010/2245(INI))

Rapporteur: Cecilia Wikström

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Ewropa teħtieġ sistema moderna, affordabbli u li taħdem sew ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni u tissaħħaħ l-kompetittività tagħha,
 - B. billi l-IPRs jikkostitwixxu prerekwiżit ewlieni għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni bi proporzjon kbir ta' kapital,
 - C. billi l-akbar opportunità biex tissaħħaħ l-innovazzjoni fl-Ewropa fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali hija l-ħolqien tal-privattiva tal-UE,
 - D. billi sistema moderna ta' trademarks tal-Unjoni hija essenzjali sabiex jitħarsu l-valuri rrappreżentati minn investimenti li jsiru minn kumpaniji Ewropej fid-diżinn, il-ħolqien u l-innovazzjoni,
1. Billi l-Kunsill ma laħaqx deċizzjoni unanima rigward l-arranġament dwar it-traduzzjoni għall-privattiva tal-UE, jilqa' d-deċizzjoni tal-Kunsill li jawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja adottata wara talba li saret minn diversi Stati Membri, billi dan jippermetti lill-Istati Membri parteċipanti jistabbilixxu privattiva li tkun valida fil-pajjiżi parteċipanti kollha; jistieden lill-Istati Membri kollha jingħaqdu fil-kooperazzjoni msaħħa; jinkuraġġixxi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapidi tagħha biex tiġi appoġġjata l-innovazzjoni u tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea fuq skala dinjija;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq l-iżgurar li l-SMEs jistgħu jużaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u industrijali b'mod effiċjenti;
3. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex sa tmiem l-2011 jiġi żviluppat suq Ewropew tal-għarfien għall-privattivi u l-ħruġ ta' liċenzji;
4. Jinnota li l-frammentazzjoni tas-suq fl-oqsma kulturali u kreattivi sseħħ ukoll minħabba d-diversità kulturali u l-preferenza tal-lingwa tal-konsumaturi;
5. Jenfasizza li l-prattiki attwali ta' ħruġ ta' liċenzji jikkontribwixxu għall-frammentazzjoni tas-suq intern tal-UE; jinnota li għalkemm sar progress, id-domanda tal-konsumaturi għal liċenzji multiterritorjali u multirepurtorjali għal użi transkonfinali u online ma ġietx indirizzata b'mod sodisfaċenti;
6. Jenfasizza li proċessi ta' ħruġ ta' iċenzji aktar effiċjenti u li jiswew anqas permezz ta' pjattaformi teknoloġiċi interoperabbli jiżguraw tixrid usa' ta' kontenut kulturali u kreattiv u jipprovdu drittijiet akbar għal min joħloq filwaqt li, fl-istess ħin, ikunu ta' benefiċċju għall-intermedjarji u għall-fornituri tas-servizzi;
7. Ifakkar li l-oġettiv tal-UE huwa li tippromwovi l-industriji kulturali kreattivi kemm online kif ukoll offline u jqis li l-użu wiesa' ta' liċenzji pan-Ewropej skont id-domandi tas-suq u tal-konsumaturi għandu jkun l-għan u li, jekk dan ma jistax jintlaħaq f'perjodu qasir ta' żmien, għandha ssir valutazzjoni komprensiva tal-leġiżlazzjoni meħtieġa biex jiġu affrontati l-ostakli potenzjali kolha għall-ħolqien ta' suq intern effikaċi tal-UE, inkluż il-prinċipju tat-territorjalità;
8. Jilqa' r-reviżjoni mill-Kummissjoni tas-sistema Ewropea tat-trademarks u jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tiżgura li t-trademarks jistgħu jibbenefikaw mill-istess livell ta' protezzjoni kemm fl-ambjent online kif ukoll f'dak offline;
9. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-problemi speċifiċi li jiltaqgħu magħhom l-SMEs fir-rigward tal-affermazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" stabbilit mill-Att tan-Negożji ż-Żgħar għall-Ewropa, inter alia billi jiġi applikat il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għall-SMEs;
10. Huwa tal-fehma li l-infurzar li jiffunzjona sew tal-IPRs iżid l-inċentivi għall-kumpaniji biex jiżviluppaw prodotti innovattivi u għalhekk iżid il-firxa ta' prodotti u servizzi disponibbli għall-konsumaturi;
11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm Qafas li għandu jitqies moratorju fuq l-istrumenti ġodda sakemm daww eżistenti jkunu ġew żviluppati biżżejjed u evalwati kif xieraq, u li wieħed għandu joqgħod attent li tiġi evitata proliferazzjoni li tfixkel ta' strumenti;
12. Iqis li, sabiex jiġi ggarantit is-suċċess tal-istrumenti l-ġodda għall-innovazzjoni li se jiġu żviluppati skont l-Istrateġija UE 2020, jeħtieġ li jiġu approvati 'Regoli tal-Parteċipazzjoni'

ċari u speċifiċi li jinkludu proporzjon obbligatorju ta' impriżi żgħar;

13. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament evalwazzjoni esterna tal-istrumenti ta' innovazzjoni maħluqa taħt is-Seba' Programm Qafas, bħal, pereżempju, il-pjattaformi teknoloġiċi u l-JETIs (Inizjattivi Konġunti Ewropej fil-qasam tat-Teknoloġija), u jqis li l-evalwazzjoni għandha tkopri l-attivitajiet, it-talbiet biex jitressqu proposti, il-proġetti ta' innovazzjoni, ir-riżultati (jekk disponibbli), kif ukoll il-kontribuzzjoni ekonomika minn fondi pubbliċi u privati.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FIANLI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Dimitar Stoyanov, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Luis de Grandes Pascual, Sajjad Karim, Kurt Lechner, Eva Lichtenberger, Angelika Niebler

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	12.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Lena Ek, Ioan Enciu, Adam Gierek, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hénin, Edit Herczog, Romana Jordan Cizelj, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Judith A. Merkies, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Niki Tzavela, Vladimir Urutchev, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, António Fernando Correia De Campos, Francesco De Angelis, Ilda Figueiredo, Matthias Groote, Andrzej Grzyb, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Yannick Jadot, Silvana Koch-Mehrin, Bernd Lange, Werner Langen, Vladko Todorov Panayotov, Mario Pirillo, Catherine Trautmann